



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.12.2023
COM(2023) 787 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini
Ewropej**

Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/788

dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

1. INTRODUZZJONI

Fl-1 ta' Jannar 2020, daħal fis-seħħ ir-[Regolament \(UE\) 2019/788](#) dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ⁽¹⁾ (ir-Regolament dwar l-IĊE). Dan it-tieni Regolament dwar l-IĊE segwa riforma leġislattiva estensiva li indirizzat in-nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-ewwel Regolament dwar l-IĊE (ir-[Regolament \(UE\) Nru 211/2011](#)) ⁽²⁾. Ir-regoli riveduti għandhom l-għan li “jagħmlu l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej aktar aċċessibbli, anqas ta' piż u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u dawk li jappoġġawha, sabiex jissaħħaħ is-segwitu tagħha u jinkiseb il-potenzjal sħiħ tagħha bħala għodda biex tteġġeg id-dibattitu” ⁽³⁾.

L-Artikolu 25 tar-Regolament dwar l-IĊE jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrieżamina perjodikament il-funzjonament tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (l-IĊE) u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-IĊE sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024 u kull 4 snin minn hemm 'il quddiem. Dan ir-rapport jivvaluta l-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-IĊE u l-funzjonament tal-istrument tal-IĊE mill-1 ta' Jannar 2020. Huwa jiddeskrivi l-azzjonijiet li l-Kummissjoni beħsiebha tiegħu biex tkompli ttejjeb l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-IĊE u l-funzjonament tal-IĊE, b'kont meħud tas-sejbiet tar-rieżami u s-sejħiet mill-partijiet ikkonċernati. Dan ir-rapport jindirizza wkoll diversi kwistjonijiet inklużi fir-[riżoluzzjoni](#) tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2023 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ⁽⁴⁾ u jikkomplementa t-tweġiba tal-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ⁽⁵⁾.

Sabiex tivvaluta l-effettività tar-regoli riveduti, il-Kummissjoni wettqet għadd ta' konsultazzjonijiet biex iservu bħala bażi ta' evidenza għal dan ir-rapport ⁽⁶⁾: konsultazzjonijiet mal-organizzaturi tal-IĊE (stħarriġ u intervisti online) ⁽⁷⁾; stħarriġ online tal-awtoritajiet tal-Istati Membri b'responsabbiltajiet relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-IĊE ⁽⁸⁾; stħarriġ online mmirat lejn iċ-ċittadini ⁽⁹⁾; u stħarriġ fil-ħruġ immirat lejn il-firmatarji ta' IĊE li użaw is-sistema ċentrali ta' ġbir online tal-Kummissjoni ⁽¹⁰⁾. Fil-proċess ta' rieżami, il-

⁽¹⁾ Ir-[Regolament \(UE\) 2019/788](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55).

⁽²⁾ Ir-[Regolament \(UE\) Nru 211/2011](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1).

⁽³⁾ Il-premessa 5, ir-Regolament (UE) 2019/788.

⁽⁴⁾ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0230_MT.html

⁽⁵⁾ <https://oeil.secure.europarl.europa.eu/oeil/spdoc.do?i=60031&j=0&l=en>

⁽⁶⁾ Ir-rapporti tad-diversi attivitajiet ta' konsultazzjoni huma ppublikati fuq il-paġna web tar-rieżami tal-IĊE: https://citizens-initiative.europa.eu/2023-eci-review_mt.

⁽⁷⁾ L-istħarriġ online kkomplementat b'intervisti addizzjonali rriżulta f'34 tweġiba minn rappreżentanti tal-IĊE.

⁽⁸⁾ 25 Stat Membru wieġbu għall-istħarriġ.

⁽⁹⁾ Li ġġenera 7 271 tweġiba.

⁽¹⁰⁾ Li ġġenera 60 157 tweġiba. Stħarriġ fil-ħruġ huwa stħarriġ muri lill-viżitaturi ta' sit web meta jkun se jtilqu mis-sit web.

Kummissjoni ffukat fuq l-IĊE rreġistrati mill-1 ta' Jannar 2020 u fuq l-IĊE rreġistrati skont l-ewwel Regolament dwar l-IĊE li kienu għadhom għaddejnin fl-1 ta' Jannar 2020 f'diversi stadji tal-proċedura tal-IĊE.

2. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PERJODU TA' RAPPORTAR

Filwaqt li r-regoli riveduti kienu għadhom kif bdew japplikaw meta bdiet, il-pandemija tal-COVID-19 fixklet b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-IĊE li kienu għaddejnin dak iż-żmien li jwettqu l-kampanji tagħhom madwar l-UE. It-Tabella 1 turi l-impatt negattiv li kellha l-pandemija tal-COVID-19 fuq l-IĊE. Fl-2020, meta bdew japplikaw ir-regoli riveduti, intalbet ir-reġistrazzjoni għal ħames IĊE ġodda biss. Il-miżuri temporanji ⁽¹¹⁾ proposti mill-Kummissjoni u adottati mill-koleġiżlaturi fil-15 ta' Lulju 2020 illimitaw l-impatt tal-pandemija fuq l-IĊE. Ladarba s-sitwazzjoni tas-saħħa tjiebet, diġà setgħu jiġu mnotati xi żviluppi pożittivi, b'għadd dejjem jiżdied ta' talbiet għar-reġistrazzjoni u numri rekord ta' IĊE li għabru mill-anqas miljun firma u, b'mod korrispondenti, għadd rekord ta' tweġibiet tal-Kummissjoni għall-IĊE.

Tabella 1: ħarsa ġenerali lejn l-IĊE fil-perjodu ta' rapportar

	2020	2021	2022	2023	TOTAL 2020-2023
Talbiet għar-reġistrazzjoni	5	11	11	13	40
IĊE rreġistrati	5	11	10	11	37 ⁽¹²⁾
IĊE rifjutati ⁽¹³⁾		1			1
Irtirati wara l-valutazzjoni inizjali tal-Kummissjoni				1	1
Validi u ppreżentati	2		1	3	6
Il-verifika tlestiet b'suċċess, għadhom ma ġewx ippreżentati lill-Kummissjoni					2 ⁽¹⁴⁾
Imwieġba		2		4	6 ⁽¹⁵⁾

Fil-perjodu ta' rapportar, iċ-ċittadini u s-soċjetà setgħu jibbenefikaw mill-impatti pożittivi ta' IĊE ta' suċċess preċedenti. Bħala segwitu konkret għall-ewwel IĊE ta' suċċess

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2020/1042 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jistabbilixxi miżuri temporanji dwar il-limiti ta' żmien għall-istadji tal-ġbir, tal-verifika u tal-eżami previsti fir-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 231, 17.7.2020, p. 7–11).

⁽¹²⁾ Qiegħda ssir valutazzjoni legali fuq tliet talbiet.

⁽¹³⁾ "Inizjattiva Eve biex Jinħoloq id-Dritt ta' Deċiżjoni".

⁽¹⁴⁾ L-IĊE "Stop extremism" (ivverifikata qabel l-2020) u "Politika ta' Koeżjoni".

⁽¹⁵⁾ It-tweġiba għall-IĊE "Fur Free Europe" sejra tiġi adottata sal-14 ta' Diċembru 2023.

(“Right2Water”), id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb riveduta ⁽¹⁶⁾, li kellha tiġi trasposta mill-Istati Membri fil-liġi nazzjonali sat-12 ta’ Jannar 2023, qed ittejjeb l-aċċess għall-ilma inkluż għal gruppi vulnerabbli u emarġinati. Bi tweġiba għall-IĊE ta’ suċċess “Niprojbixxu l-Glifosat”, ir-Regolament dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari ⁽¹⁷⁾ daħal fis-seħħ fis-27 ta’ Marzu 2021 u jagħti liċ-ċittadini aċċess awtomatiku għall-istudji u l-informazzjoni kollha ppreżentati mill-industrija fil-proċess ta’ valutazzjoni tar-riskju.

It-tieni Regolament dwar l-IĊE kien akkumpanjat mill-introduzzjoni ta’ ġenerazzjoni ġdida ta’ sistemi tal-IT biex jiġi appoġġat il-funzjonament tal-IĊE: is-sistema ċentrali ta’ ġbir online, is-servizz ta’ skambju tal-fajls ⁽¹⁸⁾, il-Forum tal-IĊE mġedded u r-reġistru l-ġdid tal-IĊE u s-sit web pubbliku ⁽¹⁹⁾. Matul il-perjodu ta’ rapportar, dawn is-sistemi ġew imtejba aktar f’konsultazzjoni mal-utenti u l-partijiet ikkonċernati. Kif deċiż mill-koleġiżlaturi bħala parti mir-riforma tal-IĊE, is-sistemi individwali ta’ ġbir online – li kienu qed jintużaw waqt li sistema ċentrali sħiħa ma kinitx disponibbli – tneħħew gradwalment ⁽²⁰⁾.

3. VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT DWAR L-IĊE

3.1. Il-proċess tal-IĊE fil-qosor

Il-proċess tal-IĊE jinvolve diversi passi. Sabiex titnieda inizjattiva taċ-ċittadini, irid jiġi stabbilit “grupp ta’ organizzaturi”. Qabel ma l-organizzaturi jkunu jistgħu jibdeu jiġbru dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ miċ-ċittadini, l-inizjattiva proposta trid tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni biex tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni jkunux issodisfati. Ladarba r-reġistrazzjoni tkun ikkonfermata, l-organizzaturi għandhom 6 xhur biex jibdeu il-ġbir tal-firem. Iridu jiġbru miljun firma fi żmien 12-il xahar u jilhqqu l-limiti meħtieġa f’mill-inqas 7 Stati Membri. Wara li l-firem miġbura jkunu ġew ivverifikati mill-awtoritajiet nazzjonali u wara li jkunu rċevew il-konferma li l-limiti ntlaħqu, l-organizzaturi tal-IĊE jistgħu jissottomettu l-inizjattiva tagħhom lill-Kummissjoni għall-eżami u t-tweġiba uffiqjali.

3.2. Dritt ta’ appoġġ għal IĊE

Età minima għall-appoġġ tal-IĊE

Qabel l-1 ta’ Jannar 2020, l-età ta’ appoġġ għall-IĊE kienet taħt it-18-il sena fi tliet Stati Membri f’konformità mal-età tal-vot għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (16 fl-Awstrija u f’Malta, u 17 fil-Greċja). Sabiex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini żgħażaġh fil-ħajja demokratika tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament dwar l-IĊE jippermetti lill-Istati Membri

⁽¹⁶⁾ Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1 - 62).

⁽¹⁷⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari (ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1–28).

⁽¹⁸⁾ Is-servizz ta’ skambju tal-fajls jiffaċilita t-trasferiment sigur tad-dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali.

⁽¹⁹⁾ <https://citizens-initiative.europa.eu/mt>

⁽²⁰⁾ Fil-prattika, sistema bħal din intużat mill-IĊE, is-software OpenECI offrut mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-aħħar IĊE li tuża din is-sistema temmet il-perjodu ta’ ġbir tagħha fid-19 ta’ Lulju 2023.

jnaqqsu l-età minima għall-appoġġ tal-IĊE għal 16-il sena f'konformità mal-liġijiet nazzjonali. Mill-introduzzjoni ta' din id-dispożizzjoni, l-età minima ta' appoġġ applikabbli għall-IĊE tnaqqset għal 16-il sena fi tliet Stati Membri: l-Estonja (mill-1 ta' Jannar 2020), il-Ġermanja (mill-1 ta' Jannar 2023) u l-Belġju (mill-1 ta' Mejju 2023), li jfisser li issa hemm sitt Stati Membri fejn l-età minima ta' appoġġ hija anqas minn 18-il sena. Barra minn hekk, il-Finlandja indikat pjanijiet biex tnaqqas l-età minima ta' appoġġ għal 16-il sena u l-Irlanda ħabbret pjanijiet biex teżamina t-tnaqqis tal-età minima tal-vot. It-Tabella 2 tipprova di ħarsa ġenerali lejn l-età minima għall-appoġġ tal-IĊE fis-27 Stat Membru tal-UE.

Tabella 2: età minima għall-appoġġ ta' IĊE – is-sitwazzjoni attwali (Ġunju 2023)

18-il sena	BG, CZ, DK, IE, ES, FR, HR, IT, CY, LV, LT, LU, HU, NL, PL, PT, RO, SI, SK, FI, SE
17-il sena	EL
16-il sena	BE, DE, EE, MT, AT

Fil-feedback tagħhom, 15-il Stat Membru rrapportaw li bħalissa ma kinux qed jipprevedu li jnaqqsu l-età minima ta' appoġġ għal 16-il sena u ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni fi tlieta oħra (il-Latvja, is-Slovenja u s-Slovakkja).

75 % tal-organizzaturi tal-IĊE mistħarrġa ⁽²¹⁾ qiesu li t-tnaqqis tal-età minima ta' appoġġ għal 16-il sena fl-Istati Membri kollha huwa importanti għas-suċċess tal-IĊE. Madankollu, iċ-ċittadini li pparteċipaw fl-istharrġ online kellhom opinjonijiet maqsuma dwar dan il-punt: 52 % kienu favur it-tnaqqis tal-età minima ta' appoġġ għal 16-il sena iżda 46 % kienu jqisu li 18-il sena hija l-età minima xierqa ta' appoġġ.


Grupp ta' organizzaturi

Kundizzjoni għat-tnedija ta' IĊE hija li jiġi stabbilit **grupp ta' organizzaturi** li jinkludi mill-anqas seba' ċittadini tal-UE li jridu (i) ikunu residenti f'seba' Stati Membri differenti tal-UE u (ii) ikunu fl-età tal-vot fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Ċart 1: distribuzzjoni tal-organizzaturi skont in-nazzjonalità u r-residenza (l-aqwa tliet Stati Membri)⁽²²⁾

⁽²¹⁾ 12 mis-16-il risponent għall-istharrġ.

⁽²²⁾ Lista sħiħa fiċ-Ċart 4 fl-Anness.



Id-distribuzzjoni skont il-gruppi ta' età (ara ċ-Ċart 5 fl-Anness) turi rappreżentanza bilanċjata fil-kategoriji differenti ta' età, b'rappreżentanza tajba taż-żgħażaġh (21 % taħt it-30 sena u 50 % 'il fuq minn 40 sena).

Ir-Regolament il-ġdid dwar l-IĊE jippermetti wkoll l-istabbiliment ta' **entità ġuridika** biex timmaniġġja IĊE; madankollu żewġ organizzaturi biss irrapportaw li għamli dan u sabuha utli b'mod ġenerali. Dawk li ma kinux użaw din il-possibbiltà semmew bħala raġunijiet: il-piż amministrattiv, il-kostijiet assoċjati u d-dewmien proċedurali fl-istabbiliment ta' tali entitajiet ġuridiċi.

3.3. Fażi tar-reġistrazzjoni

Il-Kummissjoni rċeviet **40** talba għar-reġistrazzjoni ta' IĊE minn meta bdew japplikaw ir-regoli riveduti. Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni rreġistrat **37** IĊE f'konformità mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament dwar l-IĊE, anke minħabba l-proċedura f'żewġ stadji ⁽²³⁾, li tippermetti lill-organizzaturi jirvedu inizjattivi li altrimenti ma jistgħux jiġu rreġistrati peress li dawn (parzjalment) ma jaqgħux fl-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni. Din il-proċedura wriet l-utilità tagħha billi ppermettiet li 8 IĊE eventwalment jiġu rreġistrati b'mod sħiħ. Finalment ġiet miċħuda biss talba **waħda** għar-reġistrazzjoni. Talba oħra ġiet irtirata mill-organizzaturi tagħha wara l-valutazzjoni inizjali tal-Kummissjoni.

Sabiex il-proċess ta' reġistrazzjoni jimxi bla xkiel fi ħdan l-iskadenzi stretti stabbiliti fir-Regolament dwar l-IĊE, l-organizzaturi jeħtieġ li jissottomettu evidenza komprensiva li jissodisfaw ir-rekwiżiti amministrattivi bħala parti mit-talba għar-reġistrazzjoni tagħhom.

83 % tal-organizzaturi mistħarrġa ⁽²⁴⁾ li għalihom kienu japplikaw ir-regoli l-ġodda għar-reġistrazzjoni rrapportaw li l-proċedura tal-IĊE għar-reġistrazzjoni kienet b'mod ġenerali effettiva u sempliċi. Rispondent wieħed biss sab il-proċedura diffiċli ħafna biex tikkonforma magħha. Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti ⁽²⁵⁾ qiesu li r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni ta' IĊE

⁽²³⁾ L-Artikolu 6(4) tar-Regolament dwar l-IĊE jipprevedi li meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' IĊE, bl-eċċezzjoni tar-rekwiżit li "l-ebda mill-partijiet tal-inizjattiva ma jaqgħu manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati" (l-Artikolu 6(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c)), il-Kummissjoni trid tinforma lill-organizzaturi b'din il-valutazzjoni. L-organizzaturi jstgħu jew jemendaw l-inizjattiva biex iqisu l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, iżommu, jew jirtiraw, l-inizjattiva. L-organizzaturi jridu jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-għażla tagħhom u jissottomettu emendi, jekk ikun hemm, għall-inizjattiva inizjali.

⁽²⁴⁾ 10 minn 12-il tweġiba li jirrappreżentaw inizjattivi rreġistrati wara l-1 ta' Jannar 2020.

⁽²⁵⁾ 10 minn 12-il tweġiba li jirrappreżentaw inizjattivi rreġistrati wara l-1 ta' Jannar 2020.

huma çari u li l-proċess tekniku ta' sottomissjoni permezz tal-kont tal-organizzaturi huwa faċli. Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti kienu sabu l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni pjuttost faċli biex jiġu ssodisfati, iżda tnejn minnhom (17 %) qiesu l-kundizzjonijiet relattivament diffiċli biex jiġu ssodisfati – minħabba r-rekwiżiti għall-kontrolli amministrattivi relatati mar-residenza u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ebda parti mill-IĊE ma taqa' manifestament barra mill-kompetenzi tal-Kummissjoni. L-akbar sfida rrapportata mill-organizzaturi matul il-fażi ta' reġistrazzjoni hija marbuta mar-riżorsi – il-ħin u l-finanzjament.

L-organizzaturi mistħarrġa li għaddew mill-proċedura f'żewġ stadji għar-reġistrazzjoni qiesu li l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni inizjali kienet ċara. Huma użaw il-gwida offruta mill-Forum tal-IĊE, li ħafna minnhom sabu essenzjali biex jiżguraw ir-reġistrazzjoni tal-IĊE tagħhom. Huwa biss fil-każ tar-reġistrazzjoni tal-IĊE rrifjutata li r-rappreżentant tagħha rrapporta li r-raġunijiet għar-rifjut ma kinux kompletament ċari ⁽²⁶⁾.

3.4. Fażi tal-ġbir

Fl-1 ta' Jannar 2020, 16-il IĊE rreġistrati skont l-ewwel Regolament dwar l-IĊE kienu għadhom fil-fażi tal-ġbir. 33 IĊE oħra rreġistrati skont ir-Regolament dwar l-IĊE rivedut bdew il-fażi tal-ġbir matul il-perjodu ta' rapportar. It-Tabella 3 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-IĊE fil-fażi tal-ġbir.

Fil-perjodu ta' rapportar, għadd rekord ta' **ħames IĊE** ġabru aktar minn miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ, li minnhom tlieta ġew irreġistrati skont it-tieni Regolament dwar l-IĊE. Tlieta mill-ħames inizjattivi ta' suċċess ibbenefikaw mill-miżuri temporanji tal-COVID-19. Barra minn hekk, diversi IĊE li ma laħqux il-limitu ta' miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ ġabru għadd sinifikanti ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, u b'hekk kisbu viżibbiltà u ġġeneraw dibattitu madwar l-UE jew f'ċerti Stati Membri ⁽²⁷⁾. Fl-istess ħin, 13-il IĊE ġabru għadd baxx ta' firem (anqas minn 10 000). Dan jista' jiġi attribwit għal diversi kawżi li jistgħu jirrinforzaw lil xulxin, bħall-appell pubbliku u n-natura tas-suġġett; il-livell ta' ttejjija u ġestjoni tal-kampanja ta' ġbir; u l-perseveranza u d-dedikazzjoni li l-organizzaturi tal-IĊE jeħtieġ li jżommu fuq perjodu itwal. Xi organizzaturi semmew li l-IĊE li ma jkollhomx l-appoġġ ta' entitajiet bħall-NGOs jew in-negożji jsibuha diffiċli biex jiġbru għadd sinifikanti ta' firem.

Tabella 3: ħarsa ġenerali lejn l-IĊE fil-fażi tal-ġbir⁽²⁸⁾ (Novembru 2023)

IĊE li ġabru aktar minn miljun dikjarazzjoni valida ta' appoġġ mill-1 ta' Jannar 2020	5
--	---

⁽²⁶⁾ Il-Forum tal-IĊE jista' jappoġġa lill-organizzaturi matul il-fażi ta' reġistrazzjoni b'pariri legali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompetenzi tal-Kummissjoni biex tadotta atti legali. Fil-każ tal-unika IĊE li ġiet irrifjutata, l-organizzaturi ma użawx is-servizzi tal-Forum tal-IĊE minkejja li ġew imħeġġa jagħmlu dan.

⁽²⁷⁾ L-IĊE "End the Slaughter Age" ġabret aktar minn 850 000 dikjarazzjoni ta' appoġġ. Erba' IĊE oħra ("Inniedu Introjti Bażiċi Mingħajr Kondizzjonijiet (UBI) fl-UE kollha", "Ban Fossil Fuel Advertising and Sponsorships", "L-iżgurar tal-Konformità tal-Politika Kummerċjali Komuni mat-Trattati tal-UE u l-konformità mal-liġi internazzjonali" u "Dritt għal Kura") ġabru bejn 250 000 u 300 000 dikjarazzjoni ta' appoġġ.

⁽²⁸⁾ Abbażi tal-informazzjoni rrapportata mill-organizzaturi tal-IĊE jew disponibbli għall-pubbliku; mhux l-IĊE kollha rreġistrati skont l-ewwel Regolament dwar l-IĊE rrapportaw l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura peress li dan ma kienx rekwiżit legali.

IĊE rtirati jew magħluqa b'appoġġ insuffiċjenti, miġburin flimkien skont l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura	29
- <i>Mill-anqas miljun firma</i>	1 ⁽²⁹⁾
- <i>500 000 – 999 999 firma</i>	1
- <i>250 000 – 499 999 firma</i>	4
- <i>100 000 – 249 999 firma</i>	1
- <i>50 000 – 99 999 firma</i>	5
- <i>10 000 – 49 999 firma</i>	4
- <i>5 000 – 9 999 firma</i>	4
- <i>Anqas minn 5 000 firma</i>	9
Ġbir għadu għaddej	10
IĊE li se jibdew il-ġbir	4

B'mod ġenerali, mill-2020 'l hawn, inġabru aktar minn 9 miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ. Aktar minn 90 % minn dawn il-firem inġabru online, u l-bqija nġabru fuq karta.

L-organizzaturi mistħarrġa rrapportaw li kienu fil-biċċa l-kbira sodisfatti bl-effettività tal-proċeduri u l-għodod disponibbli għall-fażi tal-ġbir tal-firem. Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti li jirrappreżentaw IĊE rreġistrati skont it-tieni Regolament dwar l-IĊE, qiesu utli s-6 xhur wara r-reġistrazzjoni ⁽³⁰⁾ għat-tnejn tal-ġbir tal-firem.

Ir-rispondenti għall-istharrġ sostnew li l-abilitaturi li ġejjin kienu għenuhom jiġbru l-firem: l-appoġġ mill-NGOs; l-użu ta' pjattaformi kbar għall-ġbir tal-firem (eż. Avaaz, WeMove u Campact); l-użu ta' influwenzaturi; u l-kisba ta' viżibbiltà f'diversi media nazzjonali u tal-UE.

L-organizzaturi mistħarrġa ħafna drabi semmew dawn li ġejjin bħala sfidi li kienu ffaċċjaw matul il-fażi tal-ġbir: ir-riluttanza taċ-ċittadini li jipprovdu d-data personali meħtieġa; in-nuqqas ta' għarfien taċ-ċittadini dwar l-IĊE; is-sejba tal-ħin biex jiġi ddedikat għall-IĊE; l-attrazzjoni tal-interess tal-media; u s-sejba ta' sħab għall-promozzjoni tal-IĊE f'mill-anqas seba' Stati Membri.

⁽²⁹⁾ Għall-IĊE "Eat Original", il-limiti ma ntlaħqux wara l-verifika mill-Istati Membri tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.

⁽³⁰⁾ L-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-IĊE jippermetti lill-organizzaturi jagħżlu d-data tal-bidu tal-perjodu ta' ġbir. Id-data tal-bidu ma tridx tkun aktar tard minn 6 xhur mid-data tar-reġistrazzjoni tal-IĊE.

3.4.1. Sistemi ta' ġbir online

L-organizzaturi ta' IĊE rreġistrati bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2022 setgħu jagħżlu li jużaw jew is-sistema ċentrali ta' ġbir online jew sistema oħra ta' ġbir online, f'konformità mal-Artikolu 11 tat-tieni Regolament dwar l-IĊE. Filwaqt li għażla kienet għadha possibbli, **20 IĊE** għażlu **s-sistema ċentrali ta' ġbir online** u **6 għażlu s-software OpenECI** offrut mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Mill-5 IĊE li għabru aktar minn miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ f'dan il-perjodu, 3 użaw is-sistema ċentrali ta' ġbir online ⁽³¹⁾ u 2 użaw is-sistema OpenECI ⁽³²⁾.

Il-biċċa l-kbira tal-organizzaturi mistħarrġa ⁽³³⁾ rrapportaw li kienu sodisfatti b'mod ġenerali bis-sistema li kienu għażlu li jużaw, għalkemm ftit oħrajn ⁽³⁴⁾ irrapportaw rati ta' sodisfazzjon aktar baxxi.

3.4.2. Is-sistema ċentrali ta' ġbir online

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tat-tieni Regolament dwar l-IĊE, il-Kummissjoni żviluppat is-sistema ċentrali ta' ġbir online, li saret operattiva fl-1 ta' Jannar 2020. Din is-sistema l-ġdida kompletament żviluppata ssostitwiet is-soluzzjoni pprovduta mill-Kummissjoni qabel l-2020, li kienet tikkonsisti f'software flimkien ma' ftehim ta' hosting għall-ħżin sikur tad-*data* fuq is-servers tal-Kummissjoni. Is-sistema l-ġdida, li hija **disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE**, tintuża **mingħajr ħlas** mill-organizzaturi tal-IĊE. Din hija sistema turnkey faċli biex tintuża li fiha d-*data* personali tiġi kriptata ladarba tinġabar u tinħażen – l-organizzaturi tal-IĊE jeħtieġ biss li jinfurmaw lill-Kummissjoni 10 ijiem tax-xogħol qabel ma jibdew il-ġbir (l-Artikolu 10(3)) u jridu jiffirmaw ftehim mal-Kummissjoni rigward ir-responsabbiltà konġunta għall-protezzjoni tad-*data* ⁽³⁵⁾. Ma hija meħtieġa **l-ebda approvazzjoni addizzjonali** minħabba li s-sistema diġà tikkonforma mar-rekwiżiti tekniċi u ta' sigurtà kollha. Kif previst fl-Artikolu 18(2), l-organizzaturi tal-IĊE jistgħu jużaw ukoll is-sistema biex jiġbru **l-indirizzi tal-posta elettronika tas-sostenituri** u għalhekk jistgħu jżommu n-network tagħhom infurmat dwar il-progress tal-IĊE tagħhom. Is-sistema hija kompletament aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità (f'konformità mal-Artikoli 2(2) u 10(1)).

Skont l-ewwel Regolament dwar l-IĊE, l-organizzaturi tal-IĊE kienu kompletament responsabbli għat-trasferiment tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-Istati Membri għall-verifika. Skont ir-Regolament dwar l-IĊE rivedut, biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-*data* personali taċ-ċittadini matul iċ-ċiklu kollu tal-IĊE (mill-ġbir sat-trasferiment lill-Istati Membri), il-

⁽³¹⁾ L-IĊE “Politika ta' Koeżjoni”, “Waqf it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar” u “Nippreżervaw il-Kożmetiċi li ma Jinvolvux Krudeltà”.

⁽³²⁾ L-inizjattiva “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewia!” u “Fur Free Europe”.

⁽³³⁾ 4 mis-6 risponenti li kienu użaw is-sistema ċentrali ta' ġbir online; u 4 mis-7 risponenti li kienu użaw is-sistema individwali ta' ġbir online.

⁽³⁴⁾ 2 mis-6 risponenti li kienu użaw is-sistema ċentrali ta' ġbir online; u 3 mis-7 risponenti li kienu użaw is-sistema ta' ġbir online individwali.

⁽³⁵⁾ Skont il-Ftehim dwar il-Kontroll Konġunt, il-Kummissjoni hija responsabbli għad-*data* personali miġbura online permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir online, filwaqt li l-organizzaturi tal-IĊE huma responsabbli biss għall-protezzjoni tad-*data* personali miġbura fuq karta.

Kummissjoni żviluppat **servizz ta' skambju tal-fajls** li jiffaċilita permezz ta' kriptaġġ minn tarf sa tarf it-trasferiment sikur tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura online permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir online lill-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-verifika. Din l-applikazzjoni tista' tintuża wkoll għat-trasferiment ta' dikjarazzjonijiet fuq karta skennjati. Għalkemm ir-regoli riveduti ma jirrikjedux dan, il-Kummissjoni u l-Istati Membri qablu li din l-għodda tista' tintuża wkoll minn IĊE li kienu rreġistrati skont ir-regoli l-qodma jew li jużaw sistemi individwali ⁽³⁶⁾. Il-Kummissjoni ħejjiet gwida komprensiva u organizzat ittestjar estensiv mal-Istati Membri dwar l-użu tas-servizz ta' skambju tal-fajls u l-ġestjoni assoċjata tal-kjavi privati u pubbliċi. Hija organizzat ukoll sessjonijiet mal-organizzaturi biex tassistihom fil-proċess ta' kriptaġġ u applovdjar tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li ma jkunux inġabru permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir online.

Il-livell għoli ta' **sigurtà tas-sistema ta' ġbir** jiżgura li d-*data* personali taċ-ċittadini tiġi kriptata u pproċessata b'mod sikur mill-mument li tidħol fis-sistema ta' ġbir sal-mument li tasal għand l-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-verifika. Il-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni u taħriġ dwar l-użu tas-sistema ċentrali ta' ġbir online (webinars, gwidi online u vidjows). Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 10(5) tar-Regolament dwar l-IĊE, il-Kummissjoni tikkonsulta regolarment lill-utenti u lill-partijiet ikkonċernati dwar aktar titjib ta' din is-sistema.

Xi wħud mit-titjibiet ewlenin fis-sistema ċentrali ta' ġbir online mill-2020 huma:

- **Sigurtà** – is-sistema tipprovdi kriptaġġ minn tarf sa tarf tad-*data* personali matul l-istadji kollha tal-ipproċessar; b'mod ġenerali, il-karatteristiċi tas-sigurtà jiġu aġġornati b'mod regolari f'konformità mar-regoli, l-istandards u l-linji gwida żviluppati skont id-[Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE, Euratom\) 2017/46](#) dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea ⁽³⁷⁾.
- Il-kwalità tad-*data* miġbura miċ-ċittadini tjebet, wara **l-implimentazzjoni tar-regoli tal-ifformattjar u taċ-“checksum”** għad-dokumenti tal-ID għat-18-il Stat Membru li jirrikjeddu numru tal-ID fil-formola ta' appoġġ, u b'hekk tnaqqas ir-riskju ta' ċaħda tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u ġie ffaċilitat il-proċess ta' verifika tal-Istati Membri.
- **Integrazzjonijiet tal-eID** - mit-tnedija tar-regoli riveduti, l-iskemi nazzjonali tal-eID ġew integrati fis-sistema ċentrali ta' ġbir online għal 16-il Stat Membru, u dan jippermetti liċ-ċittadini jiffirmaw mingħajr ma jdaħħlu d-*data* personali tagħhom manwalment. Din l-għażla ma kinitx disponibbli fir-rigward tas-sistemi ta' ġbir online individwali.
- **Titjib fl-użabilità** wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u studju dwar l-użabilità u l-aċċessibbiltà; b'mod partikolari, il-verżjoni mobbli tas-sistema ċentrali ta' ġbir online kompliet titjeb, u b'hekk sar aktar faċli għaċ-ċittadini li jiffirmaw permezz tal-apparat mobbli tagħhom.
- **Adattament tal-paġna tal-iffirmar** - l-organizzaturi jistgħu jiddeċiedu liema informazzjoni jridu li tintwera fuq il-paġna tal-iffirmar (il-logo tagħhom, l-iżbarra tal-progress b'informazzjoni f'ħin reali dwar l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ

⁽³⁶⁾ L-għodda ntużat għal żewġ IĊE rreġistrati skont l-ewwel Regolament dwar l-IĊE: “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!” u “End the Cage Age”.

⁽³⁷⁾ ĠU L 006 11.1.12017, p.40.

miġbura online, mappa li tindika l-limiti milħuqa għal kull Stat Membru, il-progress għal kull Stat Membru, u s-sostenituri reċenti – l-Istat Membru u d-data).

- **Konformità mal-protezzjoni tad-data** – modulu ddedikat ta' kontrollur tad-data jippermetti lill-Kummissjoni tikkonforma mad-dmirijiet tagħha bħala kontrollur tad-data skont ir-[Regolament \(UE\) 2018/1725](#) dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni⁽³⁸⁾ u tirispondi malajr għat-talbiet tas-suġġetti tad-data.
- Il-forniment ta' analitika tal-web lill-organizzaturi (*data* dwar it-traffiku għall-paġna tal-inizjattiva tagħhom) u **statistika** rilevanti oħra għal kull inizjattiva, li tippermettilhom jivvalutaw il-prestazzjoni tal-kampanji tagħhom.

Iċ-ċittadini li użaw is-sistema ċentrali ta' ġbir online rrapportaw livelli għoljin ta' sodisfazzjon bis-sistema: aktar minn 93 % tar-rispondenti għall-istħarriġ fil-ħruġ sostnew li kien faċli jew faċli ħafna li tiġi appoġġata IĊE li tużaha; maġġoranza kbira tar-rispondenti vvalutaw b'mod għoli ċ-ċarezza tal-informazzjoni li tispjega kif għandha tiġi ffirmata IĊE bl-użu tas-sistema; u l-maġġoranza tar-rispondenti ħassewhom kunfidenti dwar is-sigurtà tad-data personali li kienu pprovdew permezz tas-sistema. Madwar 8 % tal-utenti li pparteċipaw fl-istħarriġ fil-ħruġ irrapportaw diżabilità rilevanti u s-sodisfazzjon ġenerali tagħhom kien għoli wkoll (b'punteġġ medju ta' 8 minn 10).

3.4.3. Użu tal-eID (l-Artikolu 10(4) tar-Regolament dwar l-IĊE)

Waħda mill-karatteristiċi ewlenin tas-sistema ċentrali ta' ġbir online hija l-possibbiltà li jiġu integrati fi ħdan is-sistema l-għodod nazzjonali tal-eID li ċ-ċittadini huma familjari magħhom fil-livell nazzjonali, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji meta jikkodifikaw id-data personali. L-Istati Membri jridu jiżguraw li ċ-ċittadini tagħhom ikunu jistgħu jappoġġaw l-IĊE online bl-użu ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati jew firma elettronika skont it-tifsira tar-[Regolament \(UE\) Nru 910/2014](#) (ir-Regolament eIDAS) ⁽³⁹⁾.

L-integrazzjoni tal-iskemi nazzjonali tal-eID fis-sistema ċentrali ta' ġbir online diġà tlestiet għal 16-il Stat Membru. 5 Stati Membri oħra qegħdin fil-proċess li jagħmlu l-iskemi nazzjonali tal-eID tagħhom disponibbli skont ir-Regolament eIDAS (BG, DK, FR, PL u SI), l-ewwel pass għall-integrazzjoni mas-sistema ta' ġbir online tal-Kummissjoni.

Tabella 4: is-sitwazzjoni attwali tal-integrazzjonijiet tal-eID fis-sistema ċentrali ta' ġbir online (Novembru 2023)

Jippermettu l-eID	BE, CZ, DE, EE, ES, HR, IT, LV, LT, LU, MT, NL, AT, PT, SK, SE
-------------------	--

⁽³⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39–98).

⁽³⁹⁾ Ir-[Regolament \(UE\) Nru 910/2014](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73–114).

Qed isir progress	BG, DK, FR, PL, SI
Ma jippermettux l-eID	IE, EL, CY, HU, RO, FI

Kemm l-organizzaturi tal-IĊE kif ukoll iċ-ċittadini rrapportaw fl-istħarriġ rispettiv tagħhom li kienu jqisu li huwa importanti li jippermettu l-użu ta' soluzzjonijiet ġodda għall-identifikazzjoni elettronika, bħall-eID u l-firma elettronika għall-appoġġ tal-IĊE.

Filwaqt li għadu marġinali (2 % tal-għadd totali ta' firem miġbura permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir online mill-2020), il-proporzjon ta' firem miġbura permezz tal-eID qed jiżdied (5 % fl-2023) peress li aktar Stati Membri għamlu dawn il-mezzi disponibbli għaċ-ċittadini tagħhom. L-introduzzjoni proposta tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ⁽⁴⁰⁾ hija maħsuba biex tħaffef l-adozzjoni ta' tali teknoloġiji fl-Istati Membri kollha u biex b'hekk tiffaċilita l-involviment ċiviku u komunitarju taċ-ċittadini. Fil-kuntest tal-Grupp ta' Esperti dwar l-IĊE, il-Kummissjoni tistieden ukoll lill-Istati Membri biex jirrapportaw regolarment dwar il-progress li jkunu għamlu fl-implimentazzjoni tal-eID f'pajjiżhom.

3.4.4. Ċertifikazzjoni ta' sistemi ta' ġbir online individwali

L-awtorità Ġermaniża ⁽⁴¹⁾ iċċertifikat is-sistemi ta' ġbir online individwali għas-sitt IĊE li ġew irreġistrati wara l-1 ta' Jannar 2020 u użaw tali sistemi. Fil-feedback tagħha, l-awtorità Ġermaniża esprimiet il-fehma li l-iskadenza ta' xahar għaċ-ċertifikazzjoni ta' dawk is-sistemi hija qasira wisq. Hija ssottolinjat ukoll li, meta mqabbla mas-sistema ċentrali ta' ġbir online, iċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi ta' ġbir individwali kienet teħtieġ sforz sproporzjonat mill-Istati Membri kollha minħabba li kull wieħed minnhom irid iwettaq il-proċeduri u jinvesti r-riżorsi biex iwettaq iċ-ċertifikazzjonijiet sal-iskadenza. Fil-feedback tagħha, il-Ġermanja tenniet l-appoġġ tagħha għat-tneħħija gradwali ta' dawn is-sistemi sal-31 ta' Diċembru 2022 f'konformità mal-Artikolu 11(7) tar-Regolament dwar l-IĊE.

L-organizzaturi tal-IĊE li ħadu sehem fl-istħarriġ online qiesu li kien relattivament diffiċli li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi biex jiksbu ċertifikazzjoni tas-sistema ta' ġbir online individwali tagħhom u li jiksbu iċ-ċertifikazzjoni tas-sistema mill-awtoritajiet nazzjonali.

⁽⁴⁰⁾ [Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament \(UE\) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea](#), COM (2021) 281 final.

⁽⁴¹⁾ [BSI - Erteilte Bescheinigungen über die Übereinstimmung individueller Online-Sammelsysteme mit der Verordnung \(EU\) 2019/788 \(bund.de\)](#)

3.4.5. Valutazzjoni tal-possibbiltà li terġa' tiġi introdotta l-għażla għall-organizzaturi li jużaw sistemi ta' ġbir online individwali

Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-IĊE ⁽⁴²⁾, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni tivvaluta l-possibbiltà li terġa' tintroduċi l-għażla għall-organizzaturi li jużaw sistemi ta' ġbir online individwali. Biex tivvaluta din l-għażla, il-Kummissjoni eżaminat tliet oqsma.

(i) L-użu ta' sistemi ta' ġbir online individwali

Matul in-negozjati li wasslu għall-adozzjoni tat-tieni Regolament dwar l-IĊE, il-koleġiżlaturi ddeċidew li jeliminaw gradwalment l-użu tas-sistemi ta' ġbir online individwali sa tmien l-2022. Fil-perjodu bejn Jannar 2020 u Diċembru 2022 (meta għażla kienet għadha possibbli), 6 mis-26 IĊE rreġistrati (23 %) għażlu li jużaw is-sistema OpenECI. Fl-aħħar sena meta kienet possibbli għażla (2022), l-organizzaturi ta' 2 biss mill-10 IĊE rreġistrati għażlu li jużaw sistema ta' ġbir online individwali. Dawn iċ-ċifri jipprovdu indikazzjoni qawwija li **d-domanda għal sistema alternattiva għal dik ċentrali hija relattivament limitata**. L-użu ta' tali sistemi jgħadd ta' sfidi u piżijiet amministrattivi kemm għall-Istati Membri ⁽⁴³⁾ kif ukoll għall-organizzaturi tal-IĊE.

(ii) Piż fuq l-organizzaturi tal-IĊE

L-użu ta' sistema ta' ġbir online individwali jgħadd ta' kostijiet addizzjonali għall-organizzaturi tal-IĊE fir-rigward tal-iżvilupp, il-ġestjoni u ċ-ċertifikazzjoni tagħha ⁽⁴⁴⁾, meta mqabbla mas-sistema ċentrali ta' ġbir online, li hija soluzzjoni turnkey mingħajr ħlas. L-organizzaturi tal-IĊE huma wkoll l-uniċi kontrolluri tad-*data* tad-*data* personali miġbura permezz ta' sistemi ta' ġbir online individwali. Fil-każ tas-sistema ċentrali ta' ġbir online, din ir-responsabbiltà hija kważi kompletament f'idejn il-Kummissjoni, li hija fdata bil-ġestjoni tas-sistema.

Kwalunkwe introduzzjoni mill-ġdid ta' sistemi ta' ġbir online individwali tkun tinvolvi **aktar piżijiet għall-organizzaturi tal-IĊE biex jiżguraw il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli**, minħabba li dawn is-sistemi jkollhom jiġu awditjati b'mod regolari biex tiġi żgurata konformità kontinwa matul il-perjodu ta' ġbir.

Il-Kummissjoni eżaminat il-ħtiġijiet speċifiċi li l-organizzaturi tal-IĊE jsemmu għall-għażla ta' sistemi alternattivi. L-aktar raġuni rikorrenti msemmija hija l-possibbiltà li dik is-sistema tiġi inkorporata f'siti web ta' partijiet terzi, u b'hekk tippermetti l-ġbir tal-firem permezz ta' varjetà ta' punti ta' dħul. Il-Kummissjoni għalhekk ikkummissjonat studju minn tim estern ta' riċerka

⁽⁴²⁾ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2023 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (2022/2206(INI)), https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0230_MT.html

⁽⁴³⁾ Ara wkoll it-taqsim 3.4.4. hawn fuq.

⁽⁴⁴⁾ Il-proċedura ta' ċertifikazzjoni, li hija stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-IĊE, għandha l-għan li tiżgura li s-sistemi ta' ġbir online individwali jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fir-[Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2019/1799](#) tat-22 ta' Ottubru 2019 (ĠU L 274, 28.10.2019, p. 3).

dwar l-IT⁽⁴⁵⁾ biex jinvestiga jekk hemmx soluzzjonijiet inkorporabbli għas-sistema ċentrali ta' ġbir online li l-Kummissjoni tista' toffri lill-organizzaturi tal-IĊE li jiżguraw is-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data* personali f'konformità mar-Regolament dwar l-IĊE; u biex jistma l-impatti operazzjonali u baġitarji ta' tali soluzzjonijiet. L-istudju wera li l-ġbir deċentralizzat ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ fuq siti web multipli ta' partijiet terzi mhux magħrufa jinvolvi riskji sinifikanti għas-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data*. F'dawk il-każijiet fejn l-organizzaturi tal-IĊE rrapportaw li kienu inkorporaw is-sistema ta' ġbir online individwali fuq diversi siti web, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni indikaw li ma kinux ġew innotifikati b'tali bidliet essenzjali fis-sistema ċertifikata. Din in-notifika tippermettilhom jivvalutaw jekk dawk il-bidliet ikunux (xorta) konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fir-[Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2019/1799](#)⁽⁴⁶⁾, inklużi r-rekwiżiti tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-*data*.

Fid-dawl tas-sejbiet tal-esperti esterni, l-introduzzjoni mill-ġdid tas-sistemi ta' ġbir online individwali tkun teħtieġ li kwalunkwe sit web "inkorporat" jiġi inkluż fiċ-ċertifikazzjoni, flimkien ma' mekkaniżmu ta' awditjar regolari biex jiġi vverifikat li s-siti web tal-kampanji rispettivi jibqgħu konformi matul il-perjodu kollu tal-ġbir. Dan ikun jinvolvi kostijiet u piżijiet addizzjonali għall-organizzaturi tal-IĊE⁽⁴⁷⁾.

(iii) Piż fuq l-Istati Membri

Is-sistemi ta' ġbir online individwali jeħtieġ li jiġu ċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn tinħażen id-*data*. Bħala parti mill-aħħar riforma, il-proposta tal-Kummissjoni żammet l-għażla għall-organizzaturi tal-IĊE li jużaw sistemi ta' ġbir online individwali. Madankollu, il-koleġiżlaturi neħħew din id-dispożizzjoni mill-proposta matul in-negożjati leġiżlattivi. B'riżultat ta' dan, is-sistemi ta' ġbir online individwali tneħħew gradwalment u setgħu jintużaw biss mill-IĊE li ġew irreġistrati qabel l-1 ta' Jannar 2023. **L-introduzzjoni mill-ġdid ta' dawk is-sistemi ddaħħal lura l-obbligu għall-Istati Membri li jiċcertifikawhom.** L-istudju estern imsemmi hawn fuq ikkonkluda li l-aktar mod effettiv ta' kontroll tar-riskji għas-sigurtà u għall-protezzjoni tad-*data* assoċjati mal-ġbir deċentralizzat tal-firem ikun li jiġi stabbilit mekkaniżmu ġdid ta' ċertifikazzjoni/awditjar, b'sett ta' rekwiżiti tekniċi komparabbli ma' (iżda aktar stretti minn) dawk previsti qabel għal dawk is-sistemi individwali skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1799. L-

⁽⁴⁵⁾ <https://citizens-initiative.europa.eu/sites/default/files/2023-11/Study%20on%20Technical%20Solutions%20for%20Organisers%20of%20European%20Citizens%20Initiatives.pdf>

⁽⁴⁶⁾ Ir-[Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2019/1799](#) tat-22 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi ta' ġbir online individwali skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 274, 28.10.2019, p. 3).

⁽⁴⁷⁾ Il-kostijiet tal-implimentazzjoni u tal-manutenzjoni għall-organizzaturi tal-IĊE jvarjaw skont in-natura tas-soluzzjoni inkorporabbli stabbilita fir-rapport tal-esperti esterni. Jekk l-organizzaturi tal-IĊE jkollhom bżonn jinvolvu għarfien espert estern, l-aktar soluzzjoni sempliċi tiswa medja ta' EUR 9 650 għall-implimentazzjoni inizjali ta' darba u EUR 6 500 oħra f'kostijiet ta' manutenzjoni kull sena. Dawn il-kostijiet huma bbażati fuq l-inkorporazzjoni tas-sistema fi tliet siti web ta' kampanja (li l-istudju estern jirakkomanda bħala n-numru massimu fid-dawl tar-riskji sostanzjali involuti għas-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data*). Il-kostijiet tal-manutenzjoni huma mistennija li jiżdiedu b'mod lineari jekk is-soluzzjoni kellha tiġi inkorporata f'aktar minn tliet siti web. Dawn iċ-ċifri la jinkludu l-kostijiet tal-iżvilupp u l-manutenzjoni li għandhom jiġu koperti mill-Kummissjoni u lanqas il-kostijiet taċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar mill-Istati Membri matul il-perjodu tal-ġbir.

istudju jistma wkoll li l-kumplessità tal-awditjar u l-kostijiet tiegħu jistgħu jpoġġu piż eċċessiv fuq l-awtoritajiet nazzjonali ⁽⁴⁸⁾.

Minħabba l-impatt fuq l-Istati Membri kieku kellhom jergħu jiġu introdotti s-sistemi ta' ġbir online individwali, il-Kummissjoni kkonsultat lill-awtoritajiet nazzjonali rappreżentati fil-Grupp ta' Esperti dwar l-IĊE. Il-feedback tagħhom jindika li l-pożizzjoni tal-Istati Membri ma nbidlitx min-negozjati leġiżlattivi tat-tieni Regolament dwar l-IĊE. Il-fehma prevalenti kienet li s-sistema ċentrali ta' ġbir online kienet żvilupp pożittiv minħabba li tiżgura s-sigurtà tad-*data* u t-trasferiment sikur tagħha u tippermetti proċess ta' verifika aktar mgħaġġel. Din is-sistema tista' tissaħħaħ aktar biex tirrispondi għall-ħtiġijiet emerġenti futuri. Diversi Stati Membri nnotaw li l-introduzzjoni mill-ġdid tas-sistemi ta' ġbir online individwali tkun ineffiċjenti u għalja minħabba li kull Stat Membru jkollu jiżgura d-disponibbiltà matul is-sena kollha tar-riżorsi meħtieġa biex jiċċertifika daww is-sistemi fil-ħin. Xi Stati Membri kkomentaw ukoll li l-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura permezz ta' sistema ta' ġbir online individwali hija aktar kumplessa u tiegħu aktar ħin minħabba li l-kwalità tad-*data* miġbura tista' tvarja. Iċ-ċertifikazzjoni mill-Istati Membri tintroduċi wkoll riskju ta' implimentazzjoni mhux uniformi.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

Wara li vvalutat it-tliet oqsma deskritti hawn fuq u fid-dawl ta': (i) ir-riskji sinifikanti għas-sigurtà u għall-protezzjoni tad-*data* ta' kwalunkwe soluzzjoni deċentralizzata għall-ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ online; (ii) il-piżijiet potenzjalment sostanzjali u l-kostijiet relatati għall-organizzaturi tal-IĊE u l-amministrazzjonijiet nazzjonali biex tiġi żgurata l-konformità ma' regoli stretti dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data*; u (iii) id-disponibbiltà ta' sistema ċentrali li tiggarrantixxi livelli għoljin ta' sigurtà u protezzjoni tad-*data*, **il-Kummissjoni kkonkludiet li l-introduzzjoni mill-ġdid tas-sistemi ta' ġbir online individwali ma hijiex opportuna** minħabba li tmur kontra l-oġġettiv li l-IĊE ssir aktar aċċessibbli u anqas ta' piż.

3.5. Fażi ta' verifika

Mill-1 ta' Jannar 2020, seba' IĊE għaddew mill-proċedura ta' verifika li tirrikjedi li l-awtoritajiet nazzjonali jiċċertifikaw il-validità tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura miċ-ċittadini tagħhom: “End the Cage Age”^{*} ⁽⁴⁹⁾, “Eat oriġinal! Unmask your food”^{*}, “Politika ta' Koeżjoni”^{*}, “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!”^{*}, “Waqqaf it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar”, “Nippreżervaw il-Kożmetiċi li ma Jinvolvux Krudeltà” u “Fur Free Europe”. Għall-IĊE rreġistrati skont it-tieni Regolament dwar l-IĊE, l-organizzaturi huma meħtieġa jittrasferixxu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura fi żmien 3 xhur wara t-tmiem tal-perjodu

⁽⁴⁸⁾ L-istudju estern stima l-kost inizjali ta' darba għaċ-ċertifikazzjoni ta' kull soluzzjoni inkorporabbli, qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, għal EUR 10 000. L-istudju rrakkomanda wkoll li l-awtoritajiet nazzjonali ta' ċertifikazzjoni għandhom jawditjaw is-siti web tal-organizzaturi u s-soluzzjoni inkorporabbli kull 4 xhur, matul il-proċess ta' ġbir ta' tnaħ-il xahar. Dawn il-kostijiet huma stmati għal EUR 3 250 għal kull awditu għal kull sit web (jekk jitwettqu minn kumpanija privata). Fil-każ tas-soluzzjoni aktar teknikament kumplessa, huwa rrakkomandat li jsir awditu regolari tal-kodiċi, li bħala medja jiswa EUR 6 500 oħra għal kull awditu għal kull sit web.

⁽⁴⁹⁾ * = irreġistrata skont l-ewwel Regolament dwar l-IĊE.

ta' ġbir⁽⁵⁰⁾. Dan għamel il-proċess ta' verifika aktar prevedibbli u ppermetta lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jippjanaw aħjar ir-riżorsi tagħhom biex jinvolvu ruħhom fil-proċess ta' verifika. Ir-riżultati tal-proċess ta' verifika kienu pożittivi għal sitta mis-seba' IĊE. Ir-riżultati tal-proċess ta' verifika ma ppermettewx lill-IĊE "Eat oriġinal" tilħaq il-limiti meħtieġa f'seba' Stati Membri⁽⁵¹⁾.

L-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament dwar l-IĊE. Il-Kummissjoni tipprovdni gwida lill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni Prattika tar-Regolament dwar l-IĊE, inkluża l-fażi ta' verifika. L-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali speċifiċi, li jistgħu jkopru wkoll il-proċedura ta' verifika. Dawn jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u ppubblikati fuq is-[sit web tal-IĊE](#)⁽⁵²⁾.

Fir-rigward tal-metodoloġiji użati għall-verifika, 14-il Stat Membru rrapportaw li kienu wettqu **verifika eżawrjenti** tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha (BG, CZ, EL, ES, FR, HR, CY, LV, HU, AT, PL, RO, SI u SK), filwaqt li 11 irrapportaw li kienu wettqu verifiki bl-użu ta' **kampjunar aleatorju** (BE, DK, DE, EE, IE, IT, LT, LU, PT, FI u SE)⁽⁵³⁾. F'termini tat-tip ta' reġistru nazzjonali użat għall-proċess ta' verifika, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jużaw ir-reġistri tal-popolazzjoni (BE, BG, CZ, DK, DE, EE, IT, CY, LT, LV, LU, HU, AT, PL, PT, RO, SI, SK, FI u SE)⁽⁵⁴⁾, filwaqt li diversi Stati Membri jużaw ir-reġistri elettorali (IE, EL, ES, FR u HR).

Fl-ordni ta' tnaqqis fil-frekwenza, l-irregolaritajiet l-aktar komuni li nstabu matul il-verifika li wasslu għall-invalidazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, kif irrapportati mill-awtoritajiet nazzjonali, kienu: 1) in-nuqqas ta' dettalji tal-identità jew żbalji oħra li jipprevjenu lill-awtoritajiet milli jidentifikaw il-firmatarju; 2) dikjarazzjonijiet multipli ta' appoġġ mill-istess firmatarju; u 3) *data* personali inkonsistenti pprovduta fil-formola (inkluża *data* nieqsa fuq formoli stampati). L-użu tas-servizz ta' skambju tal-fajls u l-ġbir online tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ iffaċilitaw il-proċess ta' verifika. B'mod ġenerali, l-Istati Membri huma sodisfatti jew sodisfatti ħafna bil-materjali ta' gwida pprovduti mill-Kummissjoni dwar is-sistema ta' skambju tal-fajls. Diversi awtoritajiet nazzjonali rrapportaw li l-proċess huwa aktar faċli u aktar standardizzat meta *d-data* tiġi trasferita direttament mis-sistema ċentrali ta' ġbir online tal-Kummissjoni.

Fit-tweġibiet tagħhom għall-istħarriġ, l-organizzaturi tal-IĊE qiesu l-proċedura għall-verifika bħala effettiva b'mod ġenerali iżda nnotaw xi tweġibiet tard mill-Istati Membri.

⁽⁵⁰⁾ L-Artikolu 12(2) tar-Regolament dwar l-IĊE.

⁽⁵¹⁾ L-organizzaturi tal-IĊE kkontestaw waħda mid-deċiżjonijiet nazzjonali f'qorti nazzjonali, mingħajr suċċess.

⁽⁵²⁾ https://citizens-initiative.europa.eu/how-it-works/implementation-national-level_mt

⁽⁵³⁾ Id-*data* għan-Netherlands u għal Malta ma ġietx irrapportata mill-awtoritajiet rilevanti.

⁽⁵⁴⁾ Il-Portugall immarka "reġistri oħra" u rrefera għal "bażi tad-*data* tal-identifikazzjoni ċivili" li ġiet assimilata f'reġistru tal-popolazzjoni għall-finijiet ta' dan ir-rapport.

3.6. Eżami u segwitu

Mill-1 ta' Jannar 2020, **sitt IĊE validi** ⁽⁵⁵⁾ ġew ippreżentati lill-Kummissjoni għall-eżami, wara li nġabru aktar minn miljun firma. Il-Kummissjoni wiegħbet għal ħamsa minn dawn; is-sitt twegħiba hija ppjanata li tiġi adottata sal-14 ta' Diċembru 2023. L-iskadenza ta' 3 xhur għas-sottomissjoni ta' inizjattivi ta' suċċess lill-Kummissjoni ⁽⁵⁶⁾ ipprovdiet aktar ċertezza liċ-ċittadini u lill-istituzzjonijiet fir-rigward tas-segwitu tal-inizjattivi, u b'hekk indirizzat kwistjoni rikorrenti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ewwel Regolament dwar l-IĊE kif identifikata fir-rapporti tal-2015 u tal-2018⁽⁵⁷⁾).

1) **“Minority SafePack – Miljun firma favur id-diversità fl-Ewropa”** ⁽⁵⁸⁾

Din l-IĊE appellat għall-adozzjoni ta' sett ta' atti legali biex tittejjeb il-protezzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali u lingwistiċi u biex tissaħħa id-diversità kulturali u lingwistika fl-UE. L-organizzaturi ppreżentaw l-IĊE lill-Kummissjoni fl-10 ta' Jannar 2020, wara li għabru 1 128 422 dikjarazzjoni valida ta' appoġġ u laħqu l-limiti meħtieġa fi 11-il Stat Membru. L-organizzaturi ltaqgħu mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Valuri u t-Trasparenza, Věra Jourová, u mal-Kummissarju għall-Innovazzjoni, ir-Riċerka, il-Kultura, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġħ, Mariya Gabriel, fil-5 ta' Frar 2020. Fil-15 ta' Ottubru 2020, l-organizzaturi ppreżentaw l-IĊE tagħhom u l-proposti tagħha fi smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew. L-IĊE ġiet diskussa wkoll matul is-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew fl-14 ta' Diċembru 2020. Il-Parlament Ewropew esprima l-appoġġ tiegħu għall-IĊE f'[riżoluzzjoni](#) ⁽⁵⁹⁾ adottata fis-17 ta' Diċembru 2020.

Il-Kummissjoni adottat it-twegħiba tagħha għall-IĊE fl-14 ta' Jannar 2021 (il-[Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C\(2021\) 171](#) ⁽⁶⁰⁾). Il-Kummissjoni vvalutat kull waħda mid-disa' proposti individwali fuq il-merti proprji tagħha, b'kont meħud tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Filwaqt li ma ġie propost l-ebda att legali ulterjuri, it-twegħiba tal-Kummissjoni enfasizzat li l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki diġà fis-seħħ għandha sservi bħala sett qawwi ta' miżuri li jappoġġaw l-għanijiet tal-IĊE. Il-Kummissjoni qed

⁽⁵⁵⁾ Tlieta rreġistrati skont l-ewwel Regolament dwar l-IĊE, u tlieta skont it-tieni Regolament dwar l-IĊE.

⁽⁵⁶⁾ L-Artikolu 13 tar-Regolament dwar l-IĊE.

⁽⁵⁷⁾ L-Ewwel Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, COM(2015) 145 final: [https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/api/files/COM\(2015\)145_0/de00000000349456?rendition=false](https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/api/files/COM(2015)145_0/de00000000349456?rendition=false); It-Tieni Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, COM(2018) 157 final: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52018DC0157>

⁽⁵⁸⁾ https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2017/000004_mt

⁽⁵⁹⁾ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0370_MT.html

⁽⁶⁰⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej “Minority SafePack - miljun firma favur id-diversità fl-Ewropa”, C(2021) 171 final: [https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/api/files/C\(2021\)171_0/de00000000036104?rendition=false](https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/api/files/C(2021)171_0/de00000000036104?rendition=false)

timmonitorja l-implimentazzjoni tal-inizjattivi rilevanti u tkompli twestaq azzjonijiet ta' politika f'dawn l-oqsma ⁽⁶¹⁾.

F'April 2021, l-organizzaturi tal-IĊE ppreżentaw rikors għall-annullament kontra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 171 quddiem il-Qorti Ġenerali. Fis-[Sentenza](#) tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 ⁽⁶²⁾, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-organizzaturi tal-IĊE. Il-Qorti Ġenerali sostniet li l-Kummissjoni kienet issodisfat l-obbligu tagħha li tiddikjara r-raġunijiet tagħha meta qieset, fiż-żmien tal-Komunikazzjoni, li ma kien meħtieġ l-ebda att legali addizzjonali biex jintlaħqu l-oġġettivi segwiti mill-IĊE minħabba l-inizjattivi li diġà ttehdmu mill-istituzzjonijiet tal-UE fl-oqsma koperti mill-IĊE u l-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tagħhom. L-organizzaturi tal-IĊE ppreżentaw appell kontra din is-Sentenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Jannar 2023 (il-kawża C-26/23 P).

2) [“End the Cage Age”](#) ⁽⁶³⁾

Din l-IĊE appellat għal **tranżizzjoni lejn sistemi ta' biedja aktar etiċi u sostenibbli**, inkluża reviżjoni tar-regoli eżistenti tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali. L-IĊE ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fit-2 ta' Ottubru 2020, wara li gābret 1 397 113-il dikjarazzjoni valida ta' appoġġ u laħqet il-limiti meħtieġa fi 18-il Stat Membru. L-organizzaturi tal-IĊE ltaqgħu mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Valuri u t-Trasparenza, Věra Jourová, u mal-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, Stella Kyriakides, fit-30 ta' Ottubru 2020. Fil-15 ta' April 2021 sar smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew. L-IĊE ġiet diskussa fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew fl-10 ta' Ġunju 2021. Il-Parlament Ewropew esprima l-appoġġ tiegħu għall-IĊE f'[riżoluzzjoni](#) ⁽⁶⁴⁾ adottata fl-istess jum.

Il-Kummissjoni adottat it-[tweġiba](#) ⁽⁶⁵⁾ tagħha għall-IĊE fit-30 ta' Ġunju 2021. Hija ħabbret l-intenzjoni tagħha li tadotta, sa tmiem l-2023, proposta leġiżlattiva biex jitneħħa gradwalment u eventwalment jiġi pprojbit l-użu ta' sistemi ta' gaġeġ għall-annimali kollha msemmija fl-IĊE, taħt kundizzjonijiet li għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-opinjonijiet mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-riżultati ta' valutazzjoni tal-impatt u konsultazzjoni pubblika. Issa, il-Kummissjoni qed tivvaluta bir-reqqa aspetti importanti biex tiżgura li t-tranżizzjoni għal biedja mingħajr gaġeġ tkun sostenibbli għas-settur agrikolu u għas-sistemi tal-ikel tagħna, inkluża s-sigurtà tal-ikel. Ir-riżultati preliminari tal-valutazzjoni tal-impatt li għaddejja juru li t-tranżizzjoni għal sistemi ħielsa mill-gaġeġ titlob l-adattament ta' diversi parametri tal-biedja, bħall-arrikkiment tal-ambjent tal-annimali, u li dawn jingħataw aktar

⁽⁶¹⁾ L-aġġornamenti dwar l-azzjonijiet ta' segwitu jiġu ppubblikati b'mod regolari fuq il-paġna tal-inizjattiva fir-reġistru tal-IĊE: https://europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2017/000004/minority-safepack-one-million-signatures-diversity-europe_mt.

⁽⁶²⁾ Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2022, *Citizens' Committee of the European Citizens' Initiative “Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe” vs Il-Kummissjoni Ewropea*, T-158/21, EU:T:2022:696: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX:62021TJ0158>

⁽⁶³⁾ https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2018/000004_mt

⁽⁶⁴⁾ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej “End the cage age” (Daqshekk annimali fil-gaġeġ) (2021/2633(RSP)): https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0295_MT.html

⁽⁶⁵⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) “End the Cage Age”, C(2021) 4747 final: [https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/api/files/C\(2021\)4747_0/090166e5df30600f?rendition=false](https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/api/files/C(2021)4747_0/090166e5df30600f?rendition=false)

spazju, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' benessri mtejbja għall-annimali. Hemm bżonn ta' aktar konsultazzjonijiet dwar il-kostijiet, it-tul xieraq tal-perjodu tranżitorju u l-miżuri rilevanti fl-importazzjoni. Biex jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn il-benessri tal-annimali u l-impatti soċjoekonomiċi, it-tneħħija gradwali tal-gaġeġ trid tiġi ma' miżuri oħra tal-benessri tal-annimali fil-livell tal-farms. Għalhekk, il-ħidma preparatorja se tkompli, inkluż fil-kuntest tad-djalogu strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura fl-UE.

3) **“Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa! Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b’saħħtu”** ⁽⁶⁶⁾

Din l-IĊE talbet lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex jitneħħew gradwalment il-pestiċidi sintetiċi sal-2035, biex tiġi restawrata l-bijodiversità, u biex jiġu appoġġati l-bdiewa matul il-perjodu tranżitorju. L-organizzaturi ppreżentaw l-IĊE lill-Kummissjoni fis-7 ta' Ottubru 2022, wara li ġabru 1 054 973 dikjarazzjoni valida ta' appoġġ u laħqu l-limiti meħtieġa fi 11-il Stat Membru. L-organizzaturi tal-IĊE Itaqgħu mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Valuri u t-Trasparenza, Věra Jourová, u mal-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, Stella Kyriakides, fil-25 ta' Novembru 2022. Fl-24 ta' Jannar 2023 sar smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew. L-IĊE ġiet diskussa fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew fis-16 ta' Marzu 2023, iżda ma ġiet adottata l-ebda riżoluzzjoni. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni dwar din l-IĊE fl-14 ta' Diċembru 2022 ⁽⁶⁷⁾.

Il-Kummissjoni adottat it-**tweġiba** ⁽⁶⁸⁾ tagħha għall-IĊE fil-5 ta' April 2023. Hija laqgħet l-IĊE u rrikonoxxiet l-importanza tagħha, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kriżijiet interkonnessi tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità. Il-Kummissjoni ssottolinjat il-fehma tagħha li l-prijorità hija li jiġi żgurat li l-proposti li bħalissa qegħdin jiġu nnegozjati mill-koleġiżlaturi jiġu adottati fil-ħin u mbagħad jiġu implimentati, flimkien ma' implimentazzjoni effettiva tal-politika agrikola komuni.

4) **“Stop finning – Stop the trade” (Waqqaf it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar - Waqqaf il-kummerċ)** ⁽⁶⁹⁾

Din l-IĊE talbet lill-Kummissjoni biex tissottometti proposta “biex jintemm il-kummerċ tal-pinen tal-klieb il-baħar fl-UE inklużi l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-pinen sakemm ma jkunux marbuta b'mod naturali mal-ġisem tal-annimal.” L-organizzaturi ppreżentaw l-IĊE fil-11 ta' Jannar 2023, wara li ġabru 1 119 996 dikjarazzjoni valida ta' appoġġ u laħqu l-limitu meħtieġ fi 15-il Stat Membru. L-organizzaturi tal-IĊE Itaqgħu mal-Kummissarju għall-Ambjent, l-Oċeani u s-Sajd, Virginijus Sinkevičius, fis-6 ta' Frar 2023. Fis-

⁽⁶⁶⁾ https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2019/000016_mt

⁽⁶⁷⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/european-citizens-initiative-save-bees-and-farmers>

⁽⁶⁸⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa! Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b’saħħtu”, C(2023) 2320 final: [https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=C\(2023\)2320&lang=mt](https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=C(2023)2320&lang=mt)

⁽⁶⁹⁾ https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2020/000001_mt

27 ta' Marzu 2023 sar smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew. L-IĊE ġiet diskussa f' dibattitu fil-plenarja fil-11 ta' Mejju 2023, iżda ma ġiet adottata l-ebda riżoluzzjoni.

Il-Kummissjoni adottat it-[tweġiba](#) ⁽⁷⁰⁾ tagħha għall-IĊE fil-5 ta' Lulju 2023. Hija laqgħet l-IĊE u impenjat ruħha li twestaq valutazzjoni tal-impatt dwar il-konsegwenzi ambjentali, soċjali u ekonomiċi tal-applikazzjoni tal-politika tal-“pinen marbuta b'mod naturali” għat-tqegħid fis-suq tal-klieb il-baħar fl-UE u li teżamina l-aħjar mezzi legali biex titlob informazzjoni aktar dettaljata bil-għan li tittejjeb l-istatistika rilevanti. Il-Kummissjoni se żżid ukoll l-infurzar tal-miżuri ta' traċċabbiltà tal-UE u timpenja ruħha ma' sħab internazzjonali.

5) [“Nippreżervaw il-kożmetiċi li ma jinvolvux krudeltà – Nimpenjaw ruħna għal Ewropa mingħajr l-ittejtjar fuq l-annimali”](#) ⁽⁷¹⁾

Din l-IĊE talbet lill-Kummissjoni tissottometti proposta biex jissaħħu u jitwessgħu l-projbizzjonijiet eżistenti tal-UE fuq l-ittejtjar fuq l-annimali għall-kożmetiċi u t-tqegħid fis-suq ta' ingredjenti ttejtjati fuq l-annimali; u li tadotta proposta leġiżlattiva li tistabilixxi pjan direzzjonali biex l-ittejtjar kollu fuq l-annimali jiġi eliminat gradwalment qabel it-tmiem tal-mandat tal-Kummissjoni kurrenti. L-organizzaturi ppreżentaw l-IĊE lill-Kummissjoni fil-25 ta' Jannar 2023, wara li ġabru 1 217 916-il dikjarazzjoni valida ta' appoġġ u laħqu l-limiti meħtieġa f'21 Stat Membru. Fis-17 ta' Marzu 2023, l-organizzaturi tal-IĊE ltaqgħu mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-Valuri u t-Trasparenza, Věra Jourová, u mal-Kummissarju Ewropew għas-Suq Intern, Thierry Breton. Il-Parlament Ewropew organizza smiġh pubbliku dwar din l-IĊE fil-25 ta' Mejju 2023. L-IĊE ġiet diskussa f' dibattitu fil-plenarja fl-10 ta' Lulju 2023, iżda ma ġiet adottata l-ebda riżoluzzjoni.

Il-Kummissjoni adottat it-[tweġiba](#) ⁽⁷²⁾ tagħha għall-IĊE fil-25 ta' Lulju 2023. Hija laqgħet l-IĊE u rrikonoxxiet li t-trattament xieraq tal-annimali għadu tħassib qawwi għaċ-ċittadini tal-UE, u enfasizzat ir-rwol ewlieni tal-UE fit-tneħħija gradwali tal-użu tal-annimali fl-ittejtjar u t-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali b'mod ġenerali. Dan ir-rwol huwa rifless b'mod speċjali fil-projbizzjoni totali fuq l-ittejtjar fuq l-annimali għall-prodotti kożmetiċi li ilha fis-seħħ fl-UE mill-2013. Il-Kummissjoni ħabbret li se tnedi pjan direzzjonali ġdid b'sett ta' azzjonijiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi biex tkompli tnaqqas l-ittejtjar fuq l-annimali, bil-għan li eventwalment timxi lejn sistema regolatorja ħielsa mill-annimali skont il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi (eż. REACH, ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoidali, ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti u l-leġiżlazzjoni dwar il-mediċini għall-użu mill-bniedem u veterinarji) u tkompli tappoġġa bil-qawwa l-alternattivi għall-ittejtjar fuq l-annimali. Il-Kummissjoni ddikjarat li se tkompli wkoll l-appoġġ qawwi tagħha għar-riċerka dwar l-iżvilupp ta' alternattivi għall-ittejtjar fuq l-annimali u se tesplora l-possibbiltà li tikkoordina l-attivitajiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

⁽⁷⁰⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej “Stop finning – Stop the Trade”: C(2023) 4489 final: https://citizens-initiative.europa.eu/sites/default/files/2023-07/C_2023_4489_1_EN.pdf

⁽⁷¹⁾ https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2021/000006_mt

⁽⁷²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) “Save cruelty free cosmetics - Commit to a Europe without animal testing” C(2023) 5041 final: https://citizens-initiative.europa.eu/sites/default/files/2023-07/C_2023_5041_EN.pdf

6) **“Fur Free Europe”** ⁽⁷³⁾

Din l-ICE talbet lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għall-introduzzjoni ta' projbizzjoni madwar l-UE kollha fuq iż-żamma u l-qtil tal-annimali għall-fini tal-produzzjoni tal-pil, kif ukoll għat-tqegħid fis-suq ta' pil tal-annimali mrobbija, u prodotti li fihom dan il-pil. L-organizzaturi ppreżentaw l-ICE lill-Kummissjoni fl-14 ta' Ġunju 2023, wara li gábru l-502 319-il dikjarazzjoni valida ta' appoġġ u laħqu l-limiti meħtieġa fi 18-il Stat Membru. Fl-20 ta' Lulju 2023, l-organizzaturi tal-ICE ltaqgħu mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Valuri u t-Trasparenza, Věra Jourová, u mal-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, Stella Kyriakides, biex jippreżentaw l-oġġettivi tal-ICE tagħhom. Il-Parlament Ewropew organizza smiġh pubbliku dwar din l-inizjattiva fit-12 ta' Ottubru 2023 u sar dibattitu fil-plenarja fid-19 ta' Ottubru 2023, iżda ma ġiet adottata l-ebda riżoluzzjoni.

Il-Kummissjoni se tadotta t-tweġiba tagħha sal-14 ta' Diċembru 2023.

Feedback mill-organizzaturi tal-ICE li pparteċipaw fl-istħarriġ

L-organizzaturi ta' ICE ta' suċċess li ħadu sehem fl-istħarriġ kienu fil-biċċa l-kbira pożittivi jew newtrali fir-rigward taċ-ċarezza tal-proċedura matul il-fażi ta' eżami u kienu b'mod ġenerali sodisfatti bl-opportunitajiet ipprovduti biex jippreżentaw l-ICE tagħhom matul il-laqgħa mal-Kummissjoni u s-smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew. Huma qiesu wkoll li l-Kummissjoni kienet spjegat b'mod ċar, komprensibbli u dettaljat ir-raġunijiet għall-azzjoni maħsuba tagħha b'reazzjoni għall-ICE ta' suċċess tagħhom.

3.7. Trasparenza - finanzjament


L-Artikolu 17 tar-Regolament dwar l-ICE jirrikjedi li l-organizzaturi tal-ICE jipprovdu informazzjoni komprensiva dwar is-sorsi ta' kwalunkwe finanzjament u appoġġ in natura għall-ICE li jaqzbu EUR 500 għal kull sponsor. L-informazzjoni pprovduta tindika żieda fil-fondi miġbura b'appoġġ għall-ICE, b'żewġ ICE ⁽⁷⁴⁾ jiġbru **aktar minn EUR 1 miljun** (it-tnejn laħqu l-limitu ta' miljun firma) u tmien ICE oħra ⁽⁷⁵⁾ jirrapportaw finanzjament ta' aktar minn EUR 100 000 (erbgħa minn dawn l-ICE laħqu l-limitu ta' miljun firma).

⁽⁷³⁾ https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2022/000002_en

⁽⁷⁴⁾ L-ICE “Nippreżervaw il-Kożmetiċi li ma Jinvolvux Krudeltà; u “Fur Free Europe”.

⁽⁷⁵⁾ L-ICE “Minority SafePack”, “Stop Extremism”, “End the Cage Age”, “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewia!”, “Projbizzjoni ta' Reklamar u Sponsorships tal-Karburanti Fossili”, “End The Slaughter Age”, “Ħwejjeġ Tajbin. Pagi Ġusti” u “Nipproteġu l-Wirt Rurali, is-Sigurtà u l-Provvista tal-Ikel fl-UE”.

Ċart 2: distribuzzjoni tal-IĊE skont il-finanzjament



3.8. Protezzjoni tad-*data* personali

Ir-Regolament dwar l-IĊE ssimplifika l-ġestjoni tad-*data* personali miġbura fil-proċess tat-tmexxija ta' IĊE.

L-ewwel nett, id-*data* personali li ċ-ċittadini jridu jipprovdu biex jappoġġaw l-IĊE tnaqqset u ġiet armonizzata fis-27 Stat Membru, b'żewġ **settijiet biss ta' data li minnhom l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jagħżlu**: 1) l-ismijiet, il-kunjomijiet, id-*data* tat-twelid u l-indirizz; jew 2) l-ismijiet, il-kunjomijiet u n-numru (tad-dokument) ta' identifikazzjoni personali. Il-forniment ta' sett minimu ta' *data* personali mill-firmatarji huwa neċessarju biex jippermetti lill-Istati Membri jivverifikaw il-validità tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ma' bażijiet tad-*data* nazzjonali bħar-reġistri elettorali jew tal-popolazzjoni. Minkejja li l-Parlament Ewropew appella għal aktar simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tad-*data*, konsultazzjoni mal-Istati Membri kkonfermat li tali simplifikazzjoni tista' tipperikola l-kapaċità tagħhom li jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ bil-livell meħtieġ ta' fiduċja.

Biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmu faċilment kif id-*data* personali tagħhom tiġi ġestita fil-proċess tal-IĊE u kif jistgħu jaċċessaw informazzjoni ewlenija dwar l-ipproċessar tad-*data* tagħhom, ġew żviluppati dikjarazzjonijiet ta' privatezza ⁽⁷⁶⁾ li jkopru l-operazzjonijiet differenti ta' pproċessar u ġew ippubblikati tweġibiet għal mistoqsijiet frekwenti ⁽⁷⁷⁾.

It-tieni, bit-tranżizzjoni għas-sistema ċentrali ta' ġbir online u l-forniment mill-Kummissjoni ta' sistema sigura ta' trasferiment tad-*data*, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-ġestjoni tad-*data* personali kollha miġbura online permezz ta' din is-sistema. Modulu ddedikat għall-kontrollur tad-*data* jippermetti lill-Kummissjoni tikkonforma mad-dmirijiet tagħha bħala kontrollur tad-*data* u tirispondi malajr u b'mod effettiv għat-talbiet tas-suġġetti tad-*data*. Għalhekk, **ir-responsabbiltajiet u r-responsabbiltà tal-organizzaturi tal-IĊE għall-**

⁽⁷⁶⁾ Politika dwar il-privatezza: https://citizens-initiative.europa.eu/how-it-works/privacy-policy_mt

⁽⁷⁷⁾ MISTOQSIJET FREKWENTI: https://citizens-initiative.europa.eu/how-it-works/faq_mt#Data-protection

protezzjoni tad-data personali huma limitati għad-data personali miġbura fuq dikjarazzjonijiet ta' appoġġ fuq karta.

Saret disponibbli **gwida dettaljata dwar il-protezzjoni tad-data għall-organizzaturi tal-IĊE** ⁽⁷⁸⁾ biex tgħin hom fil-konformità mal-protezzjoni tad-data. Il-gwida tispjega l-prinċipji u t-termini ewlenin kif ukoll l-obbligi tal-organizzaturi tal-IĊE fil-kapaċità tagħhom bħala kontrolluri jew kontrolluri konġunti meta jipproċessaw *data* personali matul il-proċess tal-IĊE.

Il-biċċa l-kbira tal-organizzaturi tal-IĊE li ħadu sehem fl-istħarriġ qiesu li r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data huma ċari u effettivi ħafna, u rrapportaw li ma esperjenzaw l-ebda diffikultà biex jikkonformaw magħhom. Diversi organizzaturi semmew ir-riluttanza taċ-ċittadini li jipprovdu d-*data* personali meħtieġa bħala waħda mill-isfidi matul il-fażi tal-ġbir. Biex jiġu vvalutati l-fehmiet taċ-ċittadini, dan is-suġġett ġie inkluż fl-istħarriġ għaċ-ċittadini u l-utenti tas-sistema ċentrali ta' ġbir online. Għadd żgħir biss ta' risponenti għall-istħarriġ taċ-ċittadini ddikjaraw li ma ridux jaqsmu d-*data* personali tagħhom sabiex jappoġġaw IĊE. Il-maġġoranza taċ-ċittadini li ffirmaw IĊE bl-użu tas-sistema tal-Kummissjoni u li ħadu sehem fl-istħarriġ tal-ħruġ ħassewhom kunfidenti dwar is-sigurtà tad-*data* li pprovdew permezz tas-sistema u l-biċċa l-kbira tar-risponenti ħassewhom rashom mistrieħa mill-fatt li l-Kummissjoni (u mhux entità oħra) kienet qed tiġbor u taħżen id-*data* personali tagħhom. Min-naħa l-oħra, xi risponenti għall-istħarriġ tal-ħruġ (17 %) ikklassifikaw il-livell ta' fiduċja tagħhom taħt 5 minn 10, li jindika l-ħtieġa għal aktar azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-miżuri fis-seħħ biex jiġi żgurati livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* personali.

3.9. Informazzjoni u sensibilizzazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri

F'konformità mal-Artikoli 4 u 18 tar-Regolament dwar l-IĊE, il-Kummissjoni stabbiliet il-kampanja ta' komunikazzjoni multilingwi "EU Take the Initiative" biex tqajjem kuxjenza dwar l-eżistenza, l-oġettivi u l-funzjonament tal-IĊE permezz ta' firxa wiesgħa ta' attivitajiet. Il-kampanja tagħmel użu estensiv mit-teknoloġiji diġitali u l-media soċjali kif ukoll mill-appoġġ tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri kollha.

Attivitajiet ta' kampanji ta' komunikazzjoni tal-IĊE

- Minbarra s-sit web multilingwi tal-IĊE ⁽⁷⁹⁾, l-informazzjoni dwar l-IĊE tiġi pprovduta permezz ta': in-newsletter ta' kull xahar tal-IĊE ⁽⁸⁰⁾ (disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE permezz ta' traduzzjoni awtomatika); kampanji fuq il-media soċjali madwar l-EU27; il-preżenza f'festivals taż-żgħażaġħ/tad-demokrazija fil-livell nazzjonali; relazzjonijiet mal-media, webinars u sessjonijiet ta' informazzjoni għall-pubbliku

⁽⁷⁸⁾ Protezzjoni tad-*data*: https://citizens-initiative.europa.eu/how-it-works/data-protection_mt

⁽⁷⁹⁾ <https://citizens-initiative.europa.eu/> mt

⁽⁸⁰⁾ <https://ec.europa.eu/newsroom/ecif/newsletter-archives/view/service/1501>

ġenerali jew multiplikaturi li jgħinu fit-tixrid ta' informazzjoni fil-livell nazzjonali; u **sensiela ta' podcasts** ⁽⁸¹⁾ .

- **Iż-żgħażaġh** huma grupp fil-mira ewlieni. F'Ġunju 2023, tnedja **sett ta' għodod edukattivi multilingwi** ⁽⁸²⁾ , li jippermetti lill-għalliema jinvolve lill-istudenti fl-aħħar snin tal-edukazzjoni sekondarja f'diskussjonijiet u attivitajiet relatati maċ-ċittadinanza attiva tal-UE u l-għodod disponibbli fil-livell tal-UE, inkluża l-IĊE. Dan huwa akkumpanjat minn **kompetizzjoni tal-videos** ⁽⁸³⁾ **għall-istudenti** mmedija f'Ottubru 2023.
- Inħoloq **network ta' ambaxxaturi u multiplikaturi** biex jgħin fit-tixrid tal-messaġġi fil-livell nazzjonali u lokali. Dan jinkludi l-**punti ta' kuntatt nazzjonali** ⁽⁸⁴⁾, l-**Ambaxxaturi tal-IĊE** ⁽⁸⁵⁾ (li jirrappreżentaw prinċipalment l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili), iċ-ċentri Europe Direct ⁽⁸⁶⁾ u **istituzzjonijiet u sħab oħra tal-UE**.

Il-Kummissjoni tiżgura wkoll il-promozzjoni tal-IĊE fil-Jum Miftuħ tal-Kummissjoni ⁽⁸⁷⁾ fil-bidu ta' Mejju ta' kull sena u f'avvenimenti organizzati minn istituzzjonijiet oħra tal-UE, bħal Jum l-IĊE ⁽⁸⁸⁾, il-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet ⁽⁸⁹⁾ u l-Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ ⁽⁹⁰⁾. Fl-aħħar kwart tal-2023, il-Kummissjoni qed twettaq ukoll kampanja ta' komunikazzjoni li tiċċelebra t-**30 anniversarju taċ-Ċittadinanza tal-UE**, biex tkompli tqajjem l-għarfien u l-fehim fost iċ-ċittadini tal-UE dwar id-drittijiet tagħhom; l-IĊE hija wieħed mid-drittijiet koperti mill-kampanja.

Istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE jikkontribwixxu wkoll għas-sensibilizzazzjoni dwar l-IĊE – b'mod partikolari l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew permezz tal-Jum annwali tal-IĊE u l-Parlament Ewropew fl-okkażjoni tas-seduti ta' smiġh u d-dibattiti fil-plenarja dwar l-IĊE.

Il-kampanja kienet affettwata fl-2020-2021 mill-**pandemija tal-COVID-19** u l-fokus pubbliku fuq il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-**Ukrajna** fl-2022, iżda l-prestazzjoni xorta waħda kienet tajba, b'**xejriet pożittivi** għat-traffiku lejn is-[sit web tal-IĊE](https://citizens-initiative.europa.eu/) ⁽⁹¹⁾ (żdied b'aktar mid-doppju mill-2020); l-abbonamenti għan-newsletter tal-IĊE (130 000, li jirrappreżentaw

⁽⁸¹⁾ https://citizens-initiative.europa.eu/news/citizencentral-podcast_mt

⁽⁸²⁾ https://citizens-initiative.europa.eu/schools/eci-educational-toolkit_mt

⁽⁸³⁾ https://citizens-initiative.europa.eu/schools/video-competition_mt

⁽⁸⁴⁾ https://citizens-initiative.europa.eu/contact-points-national-level_mt

⁽⁸⁵⁾ https://citizens-initiative.europa.eu/spread-word/eci-ambassadors_mt

⁽⁸⁶⁾ https://european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt

⁽⁸⁷⁾ https://europeday.europa.eu/european-commission-2023_mt

⁽⁸⁸⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/agenda/our-events/events/eci-day-2023>

⁽⁸⁹⁾ <https://regions-and-cities.europa.eu/>

⁽⁹⁰⁾ <https://european-youth-event.europarl.europa.eu/en/>

⁽⁹¹⁾ <https://citizens-initiative.europa.eu/ mt>

żieda ta' sitt darbiet mill-2020) u l-firxa tal-kampanji fuq il-media soċjali (aktar minn 130 miljun messaġġ tal-kampanja murija mill-2020).

Minkejja x-xejriet pożittivi u l-firxa wiesgħa ta' attivitajiet li qed jitwettqu, diversi partijiet ikkonċernati (ċittadini, organizzaturi, NGOs, istituzzjonijiet oħra tal-UE) iqisu li ma hemmx biżżejjed għarfien pubbliku dwar l-IĊE. L-organizzaturi jirrapportaw in-nuqqas ta' għarfien dwar l-IĊE bħala sfida importanti matul il-ġbir tagħhom ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u ċ-ċittadini jirrapportaw bħala r-raġuni ewlenija għaliex ma kinux appoġġaw l-IĊE. Fl-istess ħin, il-livell ta' għarfien taċ-ċittadini tal-UE madwar l-UE kollha (kif imkejje minn żewġ serje sussegwenti tal-Ewrobarometru ⁽⁹²⁾) ivarja minn 41 % fl-2021 għal 64 % fl-2023 ⁽⁹³⁾.

Punti ta' kuntatt nazzjonali

F'konformità mal-Artikolu 4(6) tar-Regolament dwar l-IĊE, kull Stat Membru stabbilixxa punt ta' kuntatt nazzjonali wieħed jew aktar ⁽⁹⁴⁾ biex jipprovdi informazzjoni u assistenza mingħajr ħlas lill-organizzaturi tal-IĊE. Il-Kummissjoni żżomm il-punti ta' kuntatt nazzjonali infurmati dwar l-aħħar żviluppi tal-IĊE u tipprovdihom materjali fil-lingwi kollha tal-UE għad-distribuzzjoni lill-udjenzi nazzjonali. L-Istati Membri rrapportaw fit-tweġibiet għall-istħarriġ tagħhom li l-biċċa l-kbira tal-punti ta' kuntatt jipprovdu informazzjoni fuq is-siti web tagħhom u jwieġbu għat-talbiet miċ-ċittadini jew mill-media. Xi wħud jieħdu wkoll approċċ proattiv u jużaw firxa aktar wiesgħa ta' kanali u attivitajiet ta' komunikazzjoni biex jinfurmaw liċ-ċittadini. Ir-riżultati tal-istess stħarriġ jindikaw li l-punti ta' kuntatt għandhom l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha li jeħtieġu biex iwettqu r-rwol tagħhom b'mod kunfidenti. Il-Kummissjoni tipprovdihom opportunitajiet biex jiskambjaw esperjenzi u jikkondividu Prattiki tajbin.

3.10. Gwida u appoġġ lill-organizzaturi

Kif miftiehem matul ir-riforma tal-IĊE tal-2019, sar disponibbli appoġġ in natura sostanzjali għall-organizzaturi tal-IĊE fil-forma tas-sistema ċentrali ta' ġbir online bla ħlas (u appoġġ relatat tal-IT offrut mill-Kummissjoni); gwida, taħriġ u pariri legali permezz tal-Forum tal-IĊE (ġestit mill-Kummissjoni permezz ta' kuntrattur estern); u aktar attivitajiet biex titqajjem kuxjenza dwar l-IĊE, li wkoll indirettament jippromwovu l-IĊE li għaddejjin bħalissa.

Forum tal-IĊE

F'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-IĊE, il-Kummissjoni tagħmel disponibbli, mingħajr ħlas, pjattaforma kollaborattiva online għall-IĊE, li tipprovdi pariri Prattiki u legali, u forum ta' diskussjoni għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar Prattiki. Il-Kummissjoni

⁽⁹²⁾ Abbażi ta' intervisti ma' kampjun rappreżentattiv ta' ċittadini, fl-età ta' 15-il sena jew aktar, f'kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

⁽⁹³⁾ Flash Eurobarometer 528 "Ċittadinanza u demokrazija" (2023)

⁽⁹⁴⁾ https://europa.eu/citizens-initiative/contact-points-national-level_mt

ssottokuntrattat il-ġestjoni ta' din il-pjattaforma (il-Forum tal-IĊE ⁽⁹⁵⁾) lil fornitur estern ta' servizzi wara sejħa miftuħa għall-offerti.

Fl-istħarriġ iddedikat tagħhom, il-feedback tal-organizzaturi tal-IĊE kien ġeneralment pożittiv fir-rigward tal-parir approvdut mill-Forum tal-IĊE fi stadji differenti tal-proċess tal-IĊE, inkluż matul il-proċedura ta' reġistrazzjoni f'żewġ stadji (meta jkunu meħtieġa jirrevedu s-

Attivitajiet tal-Forum tal-IĊE

- Il-Forum tal-IĊE joffri firxa wiesgħa ta' **materjali ta' taġlim** biex jgħin liċ-ċittadini jħejju u jmexxu IĊE (noti ta' gwida, stejjer ta' suċċess, eċċ.); **webinars**; **kors online**; u **preżentazzjonijiet** f'universitajiet u f'avvenimenti.
- Huwa jorganizza wkoll, taħt il-gwida tal-Kummissjoni, **konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati** dwar diversi aspetti tal-implimentazzjoni tal-Forum u l-funzjonament tal-IĊE biex jitjiebu s-servizzi offruti lill-organizzaturi tal-IĊE.

sottomissjoni inizjali tagħhom) u matul il-fażi tal-ġbir. L-organizzaturi tal-IĊE għamlu użu estensiv mill-materjali ta' taġlim tal-Forum qabel ir-reġistrazzjoni u jivvalutaw b'mod għoli l-webinars, il-blogs, il-kors online u l-abbiltà li jfittxu membri oħra għall-grupp tagħhom.


3.11. L-esperjenza tal-organizzaturi bl-IĊE

Il-biċċa l-kbira tal-organizzaturi mistħarrġa jsostnu li bdew il-vjaġġ tagħhom tal-IĊE minħabba **l-interess personali f'kawża li kienu jemmnu li għandha tiġi indirizzata fil-livell tal-UE**. Terz tar-rispondenti għall-istħarriġ bdew IĊE minn **interess professjonali jew akkademiku** – inkluż, f'każ wieħed, bi tweġiba għal IĊE oħra (“reazzjoni għall-fatt li ma hemm l-ebda mod kif wieħed jiffirma kontra IĊE”). Diversi rispondenti jsemmu r-rabtiet ma' IĊE preċedenti. Nofs ir-rispondenti għall-istħarriġ kienu diġà esploraw għodod oħra (eż. petizzjonijiet fil-livell nazzjonali jew lill-Parlament Ewropew) iżda qiesu li ma laħqux biżżejjed l-għanijiet tagħhom. L-IĊE ntgħażlet minħabba li kellha **impatt politiku** akbar (“minħabba li l-Kummissjoni hija sfurzata twieġeb”), kienet “appoġġ qawwi għall-istrategġiji ta' promozzjoni u biex tagħti aktar leġittimità lill-kampanja” jew minħabba **d-dimensjoni tagħha madwar l-UE kollha**. Organizzatur wieħed ta' IĊE sostna li ppjana bir-reqqa t-twaqqit tal-IĊE sabiex din tkun tista' titqies f'rieżami ppjanat tal-leġiżlazzjoni rilevanti.

Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti **jqisu li l-IĊE hija esperjenza utli** minħabba li resqu qrib l-għanijiet inizjali tagħhom fuq mill-anqas wieħed jew aktar mill-punti msemmija fl-istħarriġ (ara ċ-Ċart 3). F'termini ta' dak li kisbu permezz tal-IĊE, l-organizzaturi taw l-ogħla punteġġi lill-iżvilupp personali u professjonali; is-sensibilizzazzjoni dwar il-kawża li jimpurtahom minnha; il-bidu ta' dibattitu dwar is-suġġett tal-IĊE tagħhom; u l-istabbiliment ta' network ta' sħab bil-ħsieb ta' kooperazzjoni fit-tul.

⁽⁹⁵⁾ <https://citizens-initiative-forum.europa.eu/ mt>

Ċart 3: il-fehmiet tal-organizzaturi dwar il-kisba tal-għanijiet inizjali tagħhom



4. IMPATT TAL-PANDEMIJA TAL-COVID-19

Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt bla preċedent fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom. Il-miżuri nazzjonali ta' konfinament u, b'mod aktar ġenerali, l-omnipreżenza tal-pandemija għamluha kważi impossibbli għall-organizzaturi tal-IĊE li jkomplu b'suċċess l-attivitajiet ta' kampanji lokali tagħhom u l-ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ fuq karta li kienu meħtieġa sabiex jinġabar l-appoġġ meħtieġ fil-perjodu ta' tnax-il xahar. Bi tweġiba għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u sabiex tiġi ppreservata l-effikaċja tal-istrument tal-IĊE matul il-pandemija, l-istituzzjonijiet tal-UE adottaw malajr miżuri temporanji (fil-forma tar-[Regolament \(UE\) 2020/1042](#) ⁽⁹⁶⁾), bħal estensjoni tal-perjodi ta' ġbir għall-IĊE affettwati; estensjoni tal-perjodi ta' verifika u eżami għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-UE rispettivament; u arranġamenti speċifiċi għal-laqqgħa tal-Kummissjoni mal-organizzaturi tal-IĊE u s-smiegħ pubbliku fil-Parlament Ewropew.

⁽⁹⁶⁾ Ir-[Regolament \(UE\) 2020/1042](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jstabbilixxi miżuri temporanji dwar il-limiti ta' żmien għall-istadji tal-ġbir, tal-verifika u tal-eżami previsti fir-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva ta' ċittadini Ewropej fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 231, 17.7.2020, p. 7–11).

Flimkien mal-atti ta' implimentazzjoni sussegwenti ⁽⁹⁷⁾, il-miżuri temporanji servew l-iskop tagħhom. Minħabba dawn il-miżuri temporanji, **12-il IĊE ngħataw estensjonijiet** sa 12-il xahar biex jiġbru l-firem u 3 minn dawn ⁽⁹⁸⁾ għalhekk setgħu jilhqqu l-limiti meħtieġa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tat lil Stat Membru wieħed fuq talba estensjoni tal-iskadenza għat-tlestija tal-obbligi ta' verifika tiegħu.

Mhux l-IĊE kollha li r-rappreżentanti tagħhom wiegħbu għall-istħarriġ ġew affettwati mill-pandemija tal-COVID-19 bl-istess mod. Għall-IĊE li ġew milquta b'mod sinifikanti, il-miżuri li ġejjin tqiesu bħala l-aktar effettivi fl-indirizzar tal-isfidi ppreżentati mill-pandemija tal-COVID-19: l-estensjoni tal-iskadenzi għall-ġbir tal-firem; id-disponibbiltà ta' infrastruttura online għat-tmexxija ta' IĊE; u l-bidla għal attivitajiet online li għamluha aktar faċli biex tiġi promossa l-IĊE.

5. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Il-pandemija tal-COVID-19 fixklet b'mod sinifikanti l-funzjonament tal-IĊE fl-ewwel sentejn ta' applikazzjoni tat-tieni Regolament dwar l-IĊE. Kif deskritt hawn fuq, il-miżuri temporanji wrew l-effettività tagħhom minħabba ċ-ċirkostanzi straordinarji u l-IĊE setgħet terġa' tibda l-funzjonament normali tagħha ladarba tneħħew il-miżuri restrittivi. Diġà jistgħu jiġu nnotati diversi żviluppi pożittivi, iżda l-Kummissjoni tistma li l-impatt sħiħ tar-regoli riveduti jista' jiġi vvalutat biss fuq perjodu itwal ta' applikazzjoni f'ċirkostanzi normali.

Abbażi tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni tat-tieni Regolament dwar l-IĊE ppreżentat hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li r-regoli tal-IĊE li ġew introdotti fl-2020 jipprovdu qafas aktar aċċessibbli, anqas ta' piż u aktar faċli għall-organizzaturi u għas-sostenituri tal-IĊE. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tqis ukoll – wara li qieset il-fehmiet tal-Parlament Ewropew, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽⁹⁹⁾ u dawk tal-organizzaturi tal-IĊE, taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati – li diġà jista' jsir aktar titjib Prattiku fil-qafas legali eżistenti.

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2023 dwar l-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-IĊE, il-Kummissjoni se timplimenta l-azzjonijiet li ġejjin:

Azzjoni 1: tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni u l-viżibbiltà tal-IĊE

Iż-żieda fl-għarfien taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom hija essenzjali għall-parteċipazzjoni attiva u effettiva tagħhom fil-ħajja demokratika tal-UE.

⁽⁹⁷⁾ Id-[Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2020/2200](#) tas-17 ta' Diċembru 2020, C/2020/9226; id-[Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2021/360](#) tad-19 ta' Frar 2021, C/2021/1121; id-[Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2021/944](#) tat-3 ta' Ġunju 2021, C/2021/3879. It-tliet deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni kollha jipprevedu l-estensjoni tal-perjodi għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal ċerti IĊE skont ir-Regolament (UE) 2020/1042.

⁽⁹⁸⁾ "Politika ta' Koeżjoni", "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa!" u "Waqqaf it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar – Waqqaf il-kummerċ".

⁽⁹⁹⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Grupp Ad hoc dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Funzjonament tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej 2020-2022": https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/files/ahg_eci_recommendation_on_eci_functioning_2020-2022_3_2.pdf

- Il-Kummissjoni għalhekk se **tkompli u tissimplifika l-kampanja multilingwi ta' komunikazzjoni dwar l-IĊE**, b'użu akbar tal-media soċjali.
- L-attivitajiet tal-kampanja se jagħtu prijorità wkoll liż-**żgħażaġh**.
- Il-Kummissjoni se tfitteż attivament l-**involvement tal-Parlament Ewropew (u tal-uffiċċji ta' kollegament tiegħu fl-Istati Membri) u tal-Istati Membri (permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali)** fil-kampanja ta' komunikazzjoni, filwaqt li tilqa' wkoll il-kontribut ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-istituzzjonijiet edukattivi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
- Wara l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u l-isforzi mġedda tal-Kummissjoni dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, l-IĊE qed tiġi inkluża fil-portal imġedded Have Your Say – il-**“punt uniku ta' servizz” online il-ġdid dwar l-involvement taċ-ċittadini**, li jipprovdi opportunitajiet addizzjonali biex l-IĊE ssir aktar viżibbli.
- Il-Kummissjoni se tikkooopera mal-punti ta' kuntatt nazzjonali biex **tipromwovi s-sit web tal-IĊE fuq pjattaformi nazzjonali rilevanti**.

Azzjoni 2: tisħiħ tal-appoġġ għall-organizzaturi tal-IĊE

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' IĊE jeħtieġu ħin, riżorsi, dedikazzjoni u perseveranza. Għalhekk se ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-organizzaturi tal-IĊE.

- Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-organizzaturi tal-IĊE direttament jew indirettament billi toffri għadd ta' servizzi, bħal **gwiċa u pariri legali (permezz tal-Forum tal-IĊE)**; **l-użu mingħajr ħlas tas-sistema ċentrali sigura u faċli għall-utent ta' ġbir online** li tnaqqas b'mod sinifikanti r-responsabbiltajiet tal-organizzaturi tal-IĊE bħala kontrolluri tad-*data*; u **servizzi ta' traduzzjoni mingħajr ħlas**.
- **L-appoġġ in natura lill-organizzaturi se jissaħħaħ aktar** fi ħdan id-dispożizzjonijiet baġitarji u ġuridiċi kurrenti billi: tingħata aktar gwiċa dwar suġġetti prattiċi relatati mat-tmexxija tal-IĊE (b'mod partikolari, il-ġbir ta' fondi u l-promozzjoni tal-IĊE madwar l-UE); tissaħħaħ il-gwiċa dwar il-kompetenzi tal-UE u tal-Kummissjoni u aspetti oħra biex l-IĊE jkunu jistgħu jiġu rreġistrati; u aktar titjib fl-ġhodod tal-IT (b'mod partikolari s-sistema ċentrali ta' ġbir online).
- Il-Kummissjoni se **żżid l-għoti ta' informazzjoni tagħha dwar appoġġ finanzjarju possibbli taħt il-programmi eżistenti tal-UE**, fi ħdan il-kriterji speċifiċi ta' kull sejħa għal proposti. Pereżempju, il-programm dwar iċ-“Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri” (CERV)⁽¹⁰⁰⁾ jiffinanzja proġetti fil-qasam tal-involvement taċ-ċittadini. Biex tiffaċilita l-aċċess tal-organizzaturi tal-IĊE għal tali finanzjament, il-Kummissjoni se tipprovdi b'mod konsistenti informazzjoni dwar sejħiet rilevanti għal proposti u sessjonijiet ta' informazzjoni ddedikati fin-newsletters tal-IĊE ta' kull xahar tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tinforma regolarment lill-punti ta' kuntatt nazzjonali għall-programm CERV dwar l-IĊE sabiex ikunu mġammra tajjeb biex jirrispondu għat-talbiet għall-informazzjoni minn organizzaturi potenzjali tal-IĊE. Il-Kummissjoni se tiżgura wkoll li l-appoġġ in natura disponibbli għall-organizzaturi jkun

⁽¹⁰⁰⁾ https://commission.europa.eu/funding-tenders/find-funding/eu-funding-programmes/citizens-equality-rights-and-values-programme_mt

imfassal u mmirat għall-ħtiġijiet tagħhom (inklużi l-ħtiġijiet ta' finanzjament) u li jkunu infurmati dwar is-servizzi kollha disponibbli għalihom.

Azzjoni 3: tkompli ta-titjib tas-sistema ċentrali ta' ġbir online

Kif muri mill-feedback estensiv miġbur miċ-ċittadini, is-sistema ċentrali ta' ġbir online hija għodda faċli biex tintuża u affidabbli għall-ġbir online tal-firem, li tissodisfa wkoll l-istandards għoljin ta' sigurtà meħtieġa meta jiġu ttrattati ammonti kbar ta' *data* personali bħal fil-każ tal-IĊE.

- Il-Kummissjoni se tkompli **tiżviluppa aktar is-sistema ċentrali ta' ġbir online** (abbażi tal-feedback u s-suġġerimenti miġbura matul ir-rieżami mill-organizzaturi tal-IĊE, l-esperti u ċ-ċittadini, kif ukoll permezz ta' ttestjar u konsultazzjonijiet regolari mal-utenti) sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-organizzaturi tal-IĊE saħansitra aħjar.
- Il-Kummissjoni se tikkunsidra **titjib ieħor** bħaż-żieda ta' aktar għażliet biex is-sistema tiġi adattata biex issir aktar favorevoli għal min jagħmel il-kampanja u aktar konvolġenti, bħall-ġhoti ta' statistika f'ħin reali lill-organizzaturi tal-IĊE u daxxbord biex iżommu kont tal-IĊE tagħhom; u valutazzjoni ta' modi kif il-firmatarji jiġu avżati sabiex ma jiffirmawx l-istess IĊE diversi drabi.
- L-azzjonijiet ta' komunikazzjoni se jiffokaw ukoll fuq iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar kif tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* meta tinġabar id-*data* personali tagħhom permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir online.

Azzjoni 4: tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-IĊE fil-livell nazzjonali u f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili

Il-Grupp ta' Esperti dwar l-IĊE organizzat mill-Kummissjoni jipprovdi forum speċifiku għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' prattiki mal-awtoritajiet tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni torganizza wkoll b'mod regolari konsultazzjonijiet u sfharriġ mal-partijiet ikkonċernati biex tiġbor feedback u kontribuzzjonijiet bil-għan li jagħmel aktar titjib prattiku fl-implimentazzjoni tal-IĊE. Biex tkompli ssaħħaħ l-implimentazzjoni tal-IĊE fil-livell nazzjonali u l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, il-Kummissjoni se timplimenta żewġ miżuri.

- **Fil-kuntest tal-Grupp ta' Esperti dwar l-IĊE**, il-Kummissjoni se tkompli **tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom fil-proċess tal-IĊE**, billi tiffoka pereżempju fuq il-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, it-tnaqqis tal-età minima għall-appoġġ tal-IĊE, l-integrazzjoni tal-iskemi nazzjonali tal-eID mas-sistema ċentrali ta' ġbir online, it-titjib fis-servizz ta' skambju tal-fajls jew l-ġhoti ta' informazzjoni u assistenza lill-organizzaturi tal-IĊE.
- Il-Kummissjoni se **tinvolti wkoll lill-partijiet ikkonċernati (inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili)** kull meta l-għarfien espert tagħhom jista' jkun utli dwar aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-IĊE, bħal titjib fis-sistema ċentrali ta' ġbir online; l-identifikazzjoni ta' aktar ħtiġijiet ta' taħriġ u gwida għall-organizzaturi tal-IĊE; u ż-żieda fl-għarfien u l-viżibbiltà tal-IĊE (pereżempju,

billi s-sit web tal-IĊE jiġi interkonness ma' pjattaformi online rilevanti dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell nazzjonali).

Azzjoni 5: segwitu aktar viżibbli tal-IĊE

F'konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament dwar l-IĊE, il-Kummissjoni tiltaqa' mal-organizzaturi ta' IĊE ta' suċċess biex ikunu jistgħu jispjegaw fid-dettall l-oġġettivi tagħhom. F'konformità mal-Artikolu 15(2), il-Kummissjoni tissostanzja bir-reqqa t-tweġibiet tagħha fil-forma ta' Komunikazzjonijiet adottati mill-Kulleġġ. Barra minn hekk, għat-tliet IĊE l-aktar reċenti ta' suċċess, il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-qasam ta' politika rilevanti ltaqa' wkoll mal-organizzaturi tal-IĊE ta' suċċess wara li l-Kummissjoni kienet adottat it-tweġiba tagħha.

- Biex **tinforma aħjar lill-organizzaturi tal-IĊE u liċ-ċittadini dwar l-azzjonijiet ta' segwitu** li l-Kummissjoni jkun beħsiebha tiegħu b'reazzjoni għal IĊE validi, il-Kummissjoni minn issa 'l quddiem se tagħmel tali laqgħat ta' segwitu prattika standard.
- Il-Kummissjoni se tiżgura li **l-IĊE ta' suċċess jiġu kkunsidrati** b'mod sistematiku **meta jiġu żviluppati proposti ta' politika b'reazzjoni għal dawn l-IĊE** u li l-organizzaturi tagħhom jiġu inklużi b'mod konsistenti fil-konsultazzjonijiet relatati mal-proposti kkonċernati.
- Il-Kummissjoni se tenfasizza b'mod aktar qawwi **l-IĊE ta' suċċess** u l-azzjonijiet ta' segwitu li skattaw **fil-kampanji ta' komunikazzjoni tagħha**, sabiex iżżid l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-impatt tal-IĊE fuq il-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE.


6. KONKLUŻJONI

Abbażi ta' dan ir-rapport ta' rieżami, il-Kummissjoni tqis li r-Regolament dwar l-IĊE rivedut jipprovdi qafas aktar aċċessibbli, anqas ta' piż u aktar faċli biex jintuża għall-organizzaturi u s-sostenituri tal-IĊE. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ li tiżgura li l-IĊE riveduta tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha bħala għodda għat-trawwim tad-dibattitu u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell tal-UE. Għalhekk se tiegħu għadd ta' azzjonijiet konkreti biex tkompli ttejjeb il-funzjonament tal-IĊE u l-infrastruttura ta' appoġġ għall-organizzaturi, kif ukoll turi l-impatt tal-IĊE fuq il-politiki tal-UE.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-kontribut essenzjali li l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jagħmlu għall-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament dwar l-IĊE. Il-Kummissjoni tilqa' wkoll il-kontribut ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll ta' partijiet ikkonċernati oħra, għat-tisħiħ tal-viżibbiltà tal-IĊE fil-livelli tal-UE, nazzjonali u lokali u biex iċ-ċittadini tal-UE jsiru konxji tad-dritt tagħhom li jużaw l-IĊE biex ifasslu l-politiki tal-UE.

ANNEX

Ċart 4: distribuzzjoni tal-organizzaturi skont in-nazzjonalità u r-residenza



Ċart 5: distribuzzjoni tal-organizzaturi skont l-età

